

Brussell, 16 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7289/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0408 (COD)**

**CODEC 438
JUSTCIV 38
ECOFIN 337
COMPET 324
JAI 343
PE 39**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mid-9 sat-12 ta' Marzu 2026)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), Ilhan KYUCHYUK (Renew, BG), ippreżenta fisem il-JURI emenda ta' kompromess (l-emenda numru 201) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq, li għaliha r-rapporteur Emil RADEV (PPE, BG) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

VOTAZZJONI

Meta vvutat fl-10 ta' Marzu 2026, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 201) għall-proposta għal Direttiva msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument^{2*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien ġie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2026)0057

L-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2026 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza (COM(2022)0702 – C9-0410/2022 – 2022/0408(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0702),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0410/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Marzu 2023¹,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0126/2025),

¹ ĠU C 184, 25.5.2023, p. 34.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tiddel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Marzu 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 184, 25.5.2023, p. 34.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2026.

Billi:

- (1) L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern *u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*, u li tneħħi l-ostakli għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, bħall-moviment liberu tal-kapital u l-libertà ta' stabbiliment, li jirriżultaw minn differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali fil-qasam tal-insolvenza.

- (2) Il-proċedimenti ta' insolvenza jiżguraw ***l-istralċ*** jew ir-ristrutturar ordnat ta' kumpaniji jew imprendituri li jinsabu f'diffikultà finanzjarja u ekonomika. Fil-kuntest tal-investimenti finanzjarji, ***dawk*** il-proċedimenti, ***inkluż is-salvagwardji rilevanti għall-valutazzjoni preċiża tal-valur tal-assi ta' dawk il-kumpaniji u tal-imprendituri***, huma kruċjali, peress li jiddeterminaw il-valur finali ta' rkupru ta' tali investimenti. Id-differenzi kbar bejn il-liġijiet sostantivi dwar l-insolvenza, rikonoxxuti mir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, ikkontribwew biex jiżdiedu l-inċertezza legali u l-imprevedibbiltà dwar ***l-eżitu tal***-proċedimenti ta' insolvenza. Id-diverġenzi kbar fil-valur ta' rkupru u fiż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proċedimenti ta' insolvenza madwar l-Unjoni għandhom riperkussjonijiet negattivi fuq il-prevedibbiltà tal-kostijiet għall-kredituri u għall-investituri f'sitwazzjonijiet transfruntieri fis-suq intern. Din id-diverġenza fost ir-regoli tal-Istati Membri tnaqqas l-attrazzjoni tal-investimenti transfruntieri, u b'hekk toħloq l-ostakli u tħalli impatt fuq il-moviment transfruntier tal-kapital fl-Unjoni u lejn pajjiżi terzi kif ukoll minnhom. ***Konsegwentement, l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza tista' tirrikjedi li jsiru bidliet fil-liġijiet ta' xi Stati Membri.***
- (3) L-integrazzjoni tas-suq intern fil-qasam tal-liġi dwar l-insolvenza permezz ta' din id-Direttiva hija kruċjali għat-titjib tal-effiċjenza tal-funzjonament tas-swieq kapitali fl-Unjoni, inkluż l-iffaċilitar ta' aċċess akbar għall-finanzjament. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi foqasma mmirati li jikkonċernaw proċedimenti ta' insolvenza, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-effiċjenza u t-tul ta' tali proċedimenti, speċjalment fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza transfruntieri.

³ Ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/848/oj>).

(4) *Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet individwali u kollettivi tal-ħaddiema skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza, b'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 98/59/KE⁴ u 2001/23/KE⁵, u d-Direttivi 2002/14/KE⁶, 2008/94/KE⁷ u 2009/38/KE⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-liġijiet nazzjonali li jitttrasponuhom. B'mod partikolari, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jikkonċernaw l-ġoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema u l-konsultazzjoni tagħhom u d-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ tat-trasferiment ta' impriża, negozju jew parti ta' impriża jew negozju skont dawk id-Direttivi u l-liġijiet nazzjonali li jitttrasponuhom, inkluż meta dawk il-liġijiet nazzjonali jkun fihom regoli li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew għar-rappreżentanti tagħhom minn dawk stabbiliti f'dawk id-Direttivi.*

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1998/59/oj>).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/23/oj>).

⁶ Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/14/oj>).

⁷ Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/94/oj>).

⁸ Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/38/oj>).

- (5) Sabiex jiġi protett il-valur tal-patrimonji tal-insolvenza għall-kredituri, jenħtieġ li l-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza jinkludu regoli effettivi *dwar azzjonijiet għan-nullità, l-annullabbiltà jew in-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' atti legali, inkluż tranżazzjonijiet legali*, li huma ta' detriment għall-korp ġenerali tal-kredituri u li ġew ipperfezzjonati qabel il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza ("azzjonijiet revokatorji") . **■ Sabiex jiġi ddeterminat jekk att legali huwiex ta' ■ detriment għall-korp ġenerali tal-kredituri, jeħtieġ li jitqieskif il-kunċetti ta' *patrimonju tal-insolvenza u kreditur li jipparteċipa fi proċedimenti ta' insolvenza huma definiti. Dak huwa partikolarment rilevanti meta ċerti drittijiet ma jiffirmawx parti mill-patrimonju ta' insolvenza skont id-dritt nazzjonali iżda jappartjenu għall-isfera personali tad-debitur, bħad-dritt tad-dħul fi żwieġ jew it-tmiem ta' żwieġ jew l-adozzjoni ta' wild. Jenħtieġ li l-aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda ta' wirt ma tkunx soġġetta għar-regoli dwar l-azzjonijiet revokatorji stipulati f'din id-Direttiva.***

- (6) *Minħabba li l-azzjonijiet revokatorji għandhom l-għan li jreġġgħu lura l-effetti detrimentali ta' att legali fuq patrimonju tal-insolvenza, huwa xieraq li l-effetti detrimentali ta' att legali jitqiesu li ġew ikkawżati fil-mument li l-att legali jiġi pperfezzjonat u mhux fil-mument li l-att legali jiġi eżegwit. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, att legali jitqies li ġie pperfezzjonat meta jipproduċi effetti legali f'konformità mad-dritt nazzjonali. Madankollu, meta, skont id-dritt nazzjonali, l-effetti legali ta' att legali jkunu kundizzjonali fuq li jiddaħħal f'reġistru pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li l-att legali jitqies li ġie pperfezzjonat hekk kif jiġu sodisfatti r-rekwiżiti l-oħra kollha għall-effettività tiegħu, minħabba li ż-żmien li hemm bżonn biex att legali jiddaħħal f'reġistru pubbliku ma jkunx fil-kontroll tad-debitur u tal-partijiet l-oħra għall-att legali.*

- (7) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-kunċett ta' "atti legali" skont ir-regoli dwar l-azzjonijiet revokatorji jiġu *interpretati* b'mod wiesa' ■ sabiex ikopru kwalunkwe mġiba *intenzjonata* b'effetti legali *li tkun ta' detriment għall-korp ġenerali* tal-kredituri, *irrispettivament minn jekk l-effetti legali jew id-detriment ikunux maħsuba, inkluż fejn il-persuna li twettaq l-att legali ma jkollha l-ebda skop frodulenti, minkejja d-dispożizzjonijiet f'oqsma oħra tal-liġi. Madankollu, jenħtieġ li atti li jitwettqu minn persuna li ma taġixxix konxjament jew li b'xi mod ieħor taġixxi mingħajr ma teżerçita r-rieda libera tagħha ma jkunux ikkunsidrati bħala atti legali skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li l-kunċett ta' "att legali" jinkludi wkoll ommissjonijiet, peress li ma *hemm* l-ebda differenza sinifikanti *jekk* il-kredituri jsofrux detriment bħala konsegwenza ta' azzjoni jew tan-nuqqas ta' azzjoni tal-parti kkonċernata. *Barra minn hekk*, jenħtieġ li r-regoli dwar l-azzjonijiet revokatorji jkopru mhux biss l-atti legali mwettqa mid-debitur, iżda wkoll l-atti legali mwettqa mill-kontroparti *tad-debitur* jew minn parti terza. ■*
- (8) *Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar azzjonijiet revokatorji. Għalhekk, bl-eċċezzjoni unika tal-perjodu ta' preskrizzjoni għall-azzjonijiet revokatorji stipulat f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet dwar azzjonijiet revokatorji li jkunu aktar favorevoli għall-korp ġenerali tal-kredituri minn dawk skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu wkoll preżunzjonijiet jew rekwiżiti li jtaffu l-oneru tal-provi favur il-parti li tiddikjara li l-att legali huwa null, annullabbli jew mhux infurzabbli.*

- (9) Sabiex jiġu protetti l-aspettattivi leġittimi tal-kontroparti ta' debitur, jenħtieġ li kwalunkwe interferenza, bħala riżultat ta' azzjoni revokatorja, mal-validità jew l-eżegwibbiltà ta' att legali tkun proporzjonata għaċ-ċirkostanzi li taħthom ikun ġie pperfezzjonat dak l-att legali. Tali ċirkostanzi jistgħu jinkludu l-intenzjoni tad-debitur, l-għarfien tal-kontroparti jew ***iż-żmien li għadda*** bejn l-ipperfezzjonar tal-att legali u l-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza. Għalhekk, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn varjetà ta' raġunijiet speċifiċi għal azzjonijiet revokatorji li huma bbażati fuq xejriet ta' fatti komuni u tipiċi u li jikkomplementaw il-prerekwiżiti ġenerali għall-azzjonijiet revokatorji. Jenħtieġ li kwalunkwe interferenza bħal din tirrispetta wkoll id-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").
- (10) ***Jenħtieġ li l-azzjonijiet revokatorji jkopru atti legali pperfezzjonati f'ċertu perjodu minimu qabel id-data tas-sottomissjoni ta' talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza jew, fi Stati Membri fejn il-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jinbnew permezz ta' riżoluzzjoni tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tad-debitur, qabel id-data ta' tali riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-kapaċità li titressaq azzjoni revokatorja ma tkunx dipendenti miż-żmien li qorti tiegħu biex teżamina talba biex jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza jew biex tiġi adottata riżoluzzjoni, skont id-dritt nazzjonali.***

- (11) Għall-finijiet ta' azzjonijiet revokatorji, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn atti legali fejn il-pretensjoni tal-kontroparti kienet dovuta u infurzabbli u ġiet sodisfatta **jew garantita** bħala dovuta ("**kopertura** kongruwenti") u atti legali fejn il-prestazzjoni ma kinitx tikkorrispondi kompletament għall-pretensjoni tal-kreditur ("**kopertura** inkongruwenti"). **Eżempji ta' kopertura inkongruwenti** jinkludu: pagamenti prematuri; l-issodisfar ta' dejn b'mezzi ta' ħlas mhux tas-soltu; il-kollateralizzazzjoni sussegwenti ta' pretensjoni preċedentement mhux garantita, li ma kinitx miftiehma fil-ftehim ta' dejn oriġinali; l-għoti ta' dritt ta' terminazzjoni straordinarju jew emendi oħra mhux previsti fil-kuntratt sottostanti; ir-rinunzja ta' difiżi legali; u oġġezzjonijiet jew ir-rikonoxximent ta' djun kontestabbli. Fil-każ ta' kopertura kongruwenti, ir-raġuni revokatorja tal-preferenzi jenħtieġ li tkun tista' tiġi invokata biss jekk il-kreditur tal-att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli** kien jaf **fil-mument** tat-tranżazzjoni li d-debitur kien insolventi. Fil-każ ta' kopertura kemm kongruwenti kif ukoll inkongruwenti, **jenħtieġ li t-termini "ssodisfar" u "kollateralizzazzjoni" tal-pretensjoni tal-kontroparti jiġu interpretati b'mod wiesa', biex jinkludu atti bħal dawk li joħlqu dritt ta' tpaċija jew li jagħtu lill-kredituri status privileġġat.**

- (12) Jenħtieġ li r-regoli dwar azzjonijiet revokatorji introdotti b' din id-Direttiva ma japplikawx għal ċerti atti legali li jikkostitwixxu kopertura kongruwenti, jiġifieri atti legali li jitwettqu direttament bi skambju għal korrispettiv ġust għall-benefiċċju tal-*assi tad-debitur*. Dawk l-atti legali għandhom l-għan li jappoġġaw l-operat ordinarju ta' kuljum tan-negozju tad-debitur. Sabiex ma jiġux soġġetti għar-regoli dwar l-azzjonijiet revokatorji jenħtieġ li *tali* atti legali jkollhom bażi kuntrattwali u jirrikjedu l-iskambju dirett tal-obbligi reċiproċi tal-partijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-eżekuzzjoni u l-eżekuzzjoni korrispettiva li jirriżultaw minn dawk l-atti legali *jkunu ekwivalenti* fil-valur u jenħtieġ li l-eżekuzzjoni korrispettiva tkun ta' benefiċċju għad-*debitur* u mhux għal parti terza. Atti legali li għalihom m'għandhomx japplikaw ir-regoli dwar azzjonijiet revokatorji jinkludu: l-ħlas fil-pront ta' komoditajiet, pagi, jew tariffi għas-servizzi ; ħlas fi flus kontanti jew bil-kard ta' oġġetti meħtieġa għall-operat ta' kuljum tad-debitur; il-konsenja ta' oġġetti, prodotti, jew servizzi għal ħlas; il-ħolqien ta' dritt ta' titolu kontra l-iżborż tas-self jew *matul il-kontinwazzjoni ta' self, meta dan ikun meħtieġ, fil-kuntest ta' regoli nazzjonali, biex tinżamm ekwivalenza fil-valur bejn l-eżekuzzjoni u l-eżekuzzjoni korrispettiva*; u l-ħlas fil-pront ta' tariffi pubbliċi bi skambju għal korrispettiv *bħal* ammissjoni għal raġunijiet pubbliċi jew istituzzjonijiet . Madankollu, jenħtieġ li r-regoli dwar azzjonijiet revokatorji japplikaw għall-għoti ta' kreditu. *Jenħtieġ li jkun possibbli li jitqies li l-ħlas tal-pagi lill-ħaddiem tad-debitur, f'konformità mad-dritt nazzjonali, huwa eżekuzzjoni diretta fejn dawn jiħallsu fi żmien tliet xhur mill-prestazzjoni tas-servizzi minn dak il- ħaddiem.*

- (13) *Jenħtieġ li l-ħlas minn debitur ta' dejn pendenti lil parti terza f'relazżjoni ta' tliet partijiet, bħal meta kumpanija sussidjarja tħallas id-dejn tal-kumpanija omm tagħha lil parti terza, ma jitqiesx awtomatikament bħala att legali tad-debitur bi skambju għal ebda korrispettiv jew għal korrispettiv manifestament inadegwat. F'każijiet bħal dawn, il-ħlas mid-debitur jista' jkun reċiproku għall-eżekuzzjoni mill-parti terza tal-obbligu tagħha lejn il-kumpanija omm, li seta' ta lid-debitur vantaġġ dirett jew indirett, u l-parti terza seta' ma kellhiex il-possibbiltà li tiċħad il-ħlas mid-debitur.*
- (14) *Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jiġi invokat il-fatt li l-arrikkiment li jirriżulta mill-att legali null, annullabbli jew mhux infurzabbli ma għadux disponibbli fil-proprjetà tal-parti li bbenefikat minn dak l-att legali ("skadenza tal-arrikkiment") meta dik il-parti kienet konxja taċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-azzjoni revokatorja. Madankollu, peress li din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar azzjonijiet revokatorji, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jippermettux lill-parti li bbenefikat mill-att legali tinvoka l-iskadenza tad-difiża ta' arrikkiment anki meta dik il-parti ma kinitx konxja taċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-azzjoni revokatorja.*

- (15) Jenħtieġ li **finanzjament** ġdid jew finanzjament interim ipprovdut **f'konformità mad-dritt nazzjonali** bħala parti minn tentattiv ta' ristrutturar, inkluż matul proċedura preventiva ta' insolvenza skont it-Titolu II tad-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, jiġi protett fi proċedimenti ta' insolvenza sussegwenti. ■
- (16) **Bħala strument ta' armonizzazzjoni minima, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali dwar il-validità ta' atti legali soġġetti għal azzjonijiet revokatorji. Għalhekk, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu jekkli-att legali detrimental għandux jitqies ipso iure null, jew isir ineffettiv jew mhux infurzabbli, jew jekk tali atti legali jistgħux jiġu annullati biss b'deċiżjoni tal-qorti. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tistipulax il-kundizzjonijiet li taħthom debitur għandu jitqies li ma jistax iħallas id-djun tiegħu meta jsiru dovuti. Għalhekk, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-determinazzjoni ta' jekk debitur ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti, inkluż dwar jekk tali determinazzjoni teħtieġx li d-debitur ġeneralment ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti, għandha ssir f'konformità mad-dritt nazzjonali.**

⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tizzied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza) (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1023/oj>).

- (17) Il-konsegwenza ewlenija ta' att legali li jkun **null, annullabbli jew mhux infurzabbli** bħala riżultat ta' azzjoni revokatorja hija obbligu għall-parti **li tibbenefika** minn dak l-att legali **li tirritorna l-benefiċċju** miksub **lill-patrimonju tal-insolvenza**. Jenħtieġ li **l-kunċett ta' "benefiċċju"** f'dan il-kuntest jinkludi l-emolumenti, fejn rilevanti, u l-imgħax, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli **■**. Il-benefiċċju jista' **jitqies li ġie rritornat jew meta l-benefiċċju nnifsu miksub jiġi rritornat jew meta jitħallas il-valur monetarju** ekwivalenti **ta' dak il-benefiċċju, f'konformità mad-dritt nazzjonali**. **Jenħtieġ li jkun possibbli li jitressqu azzjonijiet revokatorji kontra suċċessuri individwali tad-debitur jekk, fiż-żmien tal-akkwiżizzjoni tal-assi soġġetti għall-azzjoni revokatorja, huma kienu konxji taċ-ċirkostanzi li fuqhom kienu bbażati l-azzjonijiet revokatorji.**

- (18) Il-partijiet li jkunu relatati mill-qrib mad-debitur, bħal qraba, fejn id-debitur ikun persuna fiżika, jew, fejn id-debitur ikun entità ġuridika, dawk li jissodisfaw rwoli deċiżivi fir-rigward tad-debitur, normalment ikunu f'vantaġġ fir-rigward tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur. Sabiex jiġi evitat l-abbuż ta' tali pożizzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji addizzjonali. Konsegwentement, fil-kuntest ta' azzjonijiet revokatorji, meta l-parti l-oħra involuta f'att legali ***null, annullabbli jew mhux infurzabbli*** tkun parti relatata mill-qrib mad-debitur, jenħtieġ li jiġu introdotti preżunzjonijiet legali dwar l-għarfien ta' dik il-parti taċ-ċirkostanzi li fuqhom kienu bbażati l-azzjonijiet revokatorji. Jenħtieġ li ***dawk*** il-preżunzjonijiet ikunu konfutabbli u jenħtieġ li jkollhom l-għan li jaqilbu l-oneru tal-prova għall-benefiċċju tal-patrimonju tal-insolvenza. ***Meta l-parti li tkun ibbenefikat minn att legali null, annullabbli jew mhux infurzabbli tkun minn dak iż-żmien ittrasferiet il-benefiċċju miksub lil parti terza, jenħtieġ li l-mument sabiex jiġi ddeterminat jekk dawk il-partijiet humiex relatati mill-qrib ikun il-mument tat-trasferiment.***

- (19) It-titjib tal-*mezzi disponibbli għall*-prattikanti fl-insolvenza biex jidentifikaw u jitraċċaw l-assi li jappartjenu għal patrimonju tal-insolvenza, *kif ukoll l-assi soġġetti għal azzjonijiet revokatorji*, huwa essenzjali *biex jiġi massimizzat* il-valur tal-patrimonju tal-insolvenza. Meta jwettqu dmirijiethom, il-prattikanti fl-insolvenza *jistgħu* jaċċessaw l-informazzjoni miżmuma fir-reġistri pubbliċi tad-data, *li wħud minnhom ġew stabbiliti skont* id-dritt tal-Unjoni u *huma* interkonnessi fil-livell Ewropew, bħas-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) imsemmija fid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ *jew* is-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri ta' Insolvenza (IRI) stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2015/848. Madankollu, *l-aċċess* għall-informazzjoni miżmuma fil-bażijiet ta' data pubbliċi *biss* ta' spiss ma jkunx *biżżejjed sabiex* jiġu identifikati u traċċati assi li huma, jew li suppost *ikunu, parti* mill-patrimonju tal-insolvenza. B'mod partikolari, il-prattikanti fl-insolvenza jiffaċċaw diffikultajiet prattiċi meta jippruvaw jaċċessaw ir-reġistri tal-assi *li jinsabu fi Stati Membri għajr l-Istat Membru li fih ikunu nħatru*.
- (20) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-prattikanti fl-insolvenza, meta jwettqu dmirijiethom fi proċedimenti ta' insolvenza, ikollhom, direttament jew indirettament, aċċess għall-informazzjoni miżmuma f'bażijiet ta' data li ma jkunux aċċessibbli għall-pubbliku.

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46, ELI:<http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj>).

- (21) L-aċċess *immedjat* u dirett **■** għar-*reġistri* tal-kontijiet bankarji spiss ikun indispensabbli *biex jiġi massimizzat* il-valur tal-patrimonji tal-insolvenza. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli *li jipprevedu* aċċess immedjat u dirett *mill-qrati jew mill-awtoritajiet amministrattivi* maħtura tal-Istati Membri għall-informazzjoni miżmuma *fir-reġistri* tal-kontijiet bankarji. *Għall-fini tal-identifikazzjoni u tal-intraċċar ta' assi li jappartjenu għal patrimonji ta' insolvenza, kif ukoll assi soġġetti għal azzjonijiet revokatorji, jista' jkun meħtieġ aċċess mhux biss għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tad-debitur iżda wkoll għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji ta' partijiet terzi, fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li jkunu bbenefikaw minn atti legali nulli, annullabbli jew mhux infurzabbli.* Meta Stat Membru jipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji permezz ta' sistema elettronika ċentrali ta' rkupru ta' data, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jiżgura li l-awtorità li topera s-sistema ta' rkupru tirrapporta r-riżultati tat-tiftix immedjatament u b'mod mhux iffiltrat lill-qrati *jew lill-awtoritajiet amministrattivi* maħtura.

(22) Sabiex jiġi rrispettat id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għall-ħajja privata, jenħtieġ li l-aċċess dirett u immedjat għar-reġistri tal-kontijiet bankarji jingħata lill-qrati ***jew lill-awtoritajiet amministrattivi*** li jinħatru mill-Istati Membri għal dak il-għan. Għalhekk, jenħtieġ li l-prattikanti fl-insolvenza jitħallew jaċċessaw l-informazzjoni miżmuma f'dawk ir-***reġistri*** tal-kontijiet bankarji b'mod indirett, billi jitolbu lill-qrati ***jew lill-awtoritajiet amministrattivi*** maħtura fl-Istat Membru fejn ikunu nħatru biex jaċċessaw ***ir-reġistri u jwettqu*** t-tfittxijiet. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaħtru l-istess qrati jew awtoritajiet amministrattivi għall-fini tal-aċċess għar-reġistri tal-kontijiet bankarji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll transfruntier permezz tas-sistema ta' interkonnnessjoni tar-reġistri tal-kontijiet bankarji msemmija fid-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ (BARIS). Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jipprevedu li l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal informazzjoni dwar kontijiet bankarji u t-tfittxijiet tagħha għandhom jiġu vverifikati minn qrati jew awtoritajiet oħra għajr il-qrati jew l-awtoritajiet maħtura skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni jingħata biss fuq bażi ta' każ b'każ, meta rilevanti għal proċedimenti speċifiċi ta' insolvenza għall-fini tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza, kif ukoll assi soġġetti għal azzjonijiet revokatorji. Madankollu, peress li din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli li jipprevedu aċċess dirett u tfittxijiet minn prattikanti fl-insolvenza fir-reġistri nazzjonali tal-kontijiet bankarji tagħhom u fis-sistemi elettroniċi għall-irkupru tad-data. F'każijiet fejn il-prattikanti fl-insolvenza jkollhom aċċess dirett u jistgħu jwettqu tfittxijiet diretti, l-Istati Membri mhumieq meħtieġa jaħtru qrati jew awtoritajiet għall-fini ta' aċċess għar-reġistri nazzjonali tal-kontijiet bankarji jew għas-sistemi elettroniċi għall-irkupru tad-data tagħhom u t-tiftix fihom, iżda jibqgħu taħt l-obbligu li jaħtru qrati jew awtoritajiet għall-aċċess u t-tfittxijiet permezz tal-BARIS.***

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1640/oj>).

- (23) Id-Direttiva (UE) 2024/1640 tipprevedi li l-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati, *bħar-reġistri ċentrali jew is-sistemi elettroniċi ċentrali għall-irkupru tad-data*, ikunu interkonnessi permezz *tal-BARIS*, li għandha tiġi żviluppata u mħaddma mill-Kummissjoni. Meta titqies l-importanza dejjem akbar tal-każijiet ta' insolvenza b'implikazzjonijiet transfruntieri u l-importanza ta' informazzjoni finanzjarja rilevanti għall-fini tal-massimizzazzjoni tal-valur tal-patrimonju tal-insolvenza fi proċedimenti ta' insolvenza, jenħtieġ li l-qradi **jew l-awtoritajiet amministrattivi** maħtura jkunu jistgħu jaċċessaw u jfittxu **r-reġistri** tal-kontijiet bankarji ta' Stati Membri oħra *direttament* permezz tal-*BARIS*.
- (24) *L-aċċess mill-qradi jew mill-awtoritajiet amministrattivi maħtura skont din id-Direttiva għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji bejn il-fruntieri permezz tal-BARIS huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri derivata mir-rispett tagħhom tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mill-Karta, kif ukoll id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali previsti fid-dritt internazzjonali u fil-ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti, inkluż il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom. Jenħtieġ li s-setgħa li tiġi aċċessata u mfittxijaa informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji permezz tal-BARIS skont din id-Direttiva tiġi eżerċitata f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, kif ukoll mas-salvagwardji proċedurali nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali.*

- (25) Jenħtieġ li kwalunkwe data personali miksuba **minn qrati jew awtoritajiet amministrattivi maħtura jew prattikanti fl-insolvenza** skont din id-Direttiva ■ tiġi pproċessata **biss** fejn ikun meħtieġ u proporzjonat għall-fini tal-identifikazzjoni u t-traċċar ta' assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza ■ fi proċedimenti ta' insolvenza li jkunu għaddejjin, **f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data**.
- (26) Id-Direttiva (UE) **2024/1640** tiżgura li persuni **b'**interess leġittimu jingħataw aċċess għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ■ , f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. **Għall-fini tat-traċċar tal-assi fil-kuntest tal-proċedimenti ta' insolvenza li jkunu għaddejjin, jenħtieġ li l-prattikanti fl-insolvenza** jingħataw aċċess **fil-ħin għal kategoriji speċifiċi ta'** informazzjoni **dwar is-sjieda benefiċjarja miżmuma fir-reġistri ċentrali interkonnessi tas-sjieda benefiċjarja, bħal dik** dwar l-isem, ix-xahar u s-sena tat-twelid u l-pajjiż ta' residenza u n-nazzjonalità tas-sid benefiċjarju, kif ukoll in-natura u l-firxa tal-interess benefiċjarju miżmum. ■

(27) Sabiex jiġi żgurat li l-assi jkunu jistgħu jiġu *traċċati* b'mod effiċjenti fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza transfruntieri, jenħtieġ li l-prattikanti fl-insolvenza jingħataw aċċess rapidu għar-reġistri *u l-bażijiet ta' data nazzjonali, anki meta daww* ir-reġistri jkunu jinsabu fi Stat Membru *għajr dak li fih ikun inħatar il-prattikant fl-insolvenza kkonċernat. Jenħtieġ li l-aċċess jingħata mingħajr l-involviment ta' kwalunkwe qorti jew awtorità intermedjarja, li jippermetti lill-prattikanti fl-insolvenza jikkomunikaw direttament mal-entitajiet li joperaw jew li jżommu r-reġistri jew il-bażijiet ta' data nazzjonali kkonċernati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu permessi jipprevedu tfittxija diretta mill-prattikanti fl-insolvenza fis-settijiet tad-data li jinsabu f'tali reġistri jew bażijiet ta' data. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet ta' aċċess li japplikaw għall-prattikanti fl-insolvenza maħtura fi Stat Membru ieħor ma jkunux aktar ikkumplikati minn daww li japplikaw għall-prattikanti fl-insolvenza domestiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx kundizzjonijiet differenti għall-aċċess unikament abbażi tal-fatt li l-applikant huwa prattikant fl-insolvenza maħtur fi Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-aspetti proċedurali li jikkonċernaw ir-riċeviment u l-għoti ta' talbiet ippreżentati minn prattikanti fl-insolvenza, bħal-lingwa tal-proċedura jew il-verifika tal-kundizzjonijiet ta' aċċess, ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru li fih jinżammu r-reġistri u l-bażijiet ta' data.*

- (28) *Sabiex tiġi stabbilita sistema effettiva u konsistenti għall-infurzar tad-dejn kontra l-assi tad-debituri, huwa essenzjali li d-debituri ma jiġihomx jaħbu l-assi tagħhom, inkluż permezz tal-akkwist ta' strumenti finanzjarji, bħal titoli. Id-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali tas-saldu, kif ukoll it-tipi u l-karatteristiċi differenti tal-istrumenti finanzjarji, jistgħu jwasslu għal diffikultajiet biex jiġu aċċessati ir-rekords u biex jiġi identifikat is-sid benefiċjarju aħħari ta' strument finanzjarju. Għalhekk, irrISPettivament mit-tip ta' reġistru, bażi ta' data jew sors ieħor ta' informazzjoni użat minn Stat Membru, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ qafas biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u t-traċċar tas-sidien ta' strumenti finanzjarji billi jagħmlu daww ir-reġistri u l-bażijiet ta' data nazzjonali aċċessibbli fuq talba.*
- (29) Fil-kuntest ta' likwidazzjoni fi proċedimenti ta' insolvenza, jenħtieġ li l-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza jippermettu r-realizzazzjoni tal-assi ta' negozju permezz tal-bejgħ tan-negozju, jew ta' parti minnu, bħala negozju avvjat. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "bejgħ bħala negozju avvjat" huwa **mifhum** bħala t-trasferiment ta' negozju, kollu kemm hu jew parti minnu, lil akkwirent b'**tali** mod **li** dak in-negozju, jew **parti sinifikanti biżżejjed** minnu, **jista'** jkompli jopera bħala unità ekonomikament produttiva. **Mhuwiex** mifhum **li jinkludi** l-bejgħ, biċċa biċċa, tal-assi tan-negozju ("likwidazzjoni tal-partijiet separati").

(30) Huwa ġeneralment preżunt li jista' jiġi rkuprat valur oġġla f'likwidazzjoni billi jinbiegħ negozju, jew parti minnu, bħala negozju avvjat aktar milli permezz ta' likwidazzjoni tal-partijiet separati. Sabiex jiġi promoss il-bejgħ ta' negozju bħala **negozju avvjat**, jenħtieġ li l-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza **jipprevedu proċedimenti li skonthom** debitur f'diffikultà finanzjarja, bl-ġħajnuna, **jew taħt is-superviżjoni**, ta' sorveljatur, **jista' jfittex** akkwirenti interessati u **jħejji** l-bejgħ pre-pack tan-negozju bħala negozju avvjat ("**proċedimenti pre-pack**") qabel il-ftuħ formali tal-proċedimenti ta' insolvenza. **L-assi tan-negozju li huma soġġetti għall-proċedimenti pre-pack imbagħad ikunu jistgħu** jiġu realizzati malajr ftit wara l-ftuħ **formali** tal-proċedimenti ta' insolvenza. **Jenħtieġ li din id-Direttiva tistabbilixxi standards għall-proċedimenti pre-pack, filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jadattaw dawk l-istandards għal-liġi nazzjonali eżistenti tagħhom dwar l-insolvenza. Sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-bejgħ ikun ġust, jenħtieġ li s-sorveljatur ikun indipendenti mid-debitur u minn kwalunkwe parti relatata mill-qrib mad-debitur. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu rekwiżiti addizzjonali rigward l-indipendenza tal-osservatur mit-titolari tal-ekwità jew mill-kredituri.** Jenħtieġ li l-proċedimenti pre-pack jikkonsistu f'żewġ fażijiet, jiġifieri fażi tal-preparazzjoni u fażi tal-likwidazzjoni.

(31) Jenħtieġ li l-għan tal-fażi tal-preparazzjoni jkun li jinstab xerrej xieraq għan-negozju tad-debitur, jew parti minnu, u jenħtieġ li tkun kunfidenzjali, tal-anqas fir-rigward tas-sejba ta' xerrej xieraq. Jenħtieġ li l-għan tal-fażi ta' likwidazzjoni jkun li tapprova u teżegwixxi l-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew parti minnu, u li tqassam ir-rikavati lill-kredituri, f'konformità mad-dritt nazzjonali. Jenħtieġ li l-fażi tal-likwidazzjoni tibda b'deċiżjoni ta' korp ġudizzjarju, jew kwalunkwe korp kompetenti ieħor, li formalment tiftaħ proċedimenti ta' insolvenza skont il-liġi nazzjonali, u li ta' sikwit tikkonkludi bl-istralċ tad-debitur. Jenħtieġ li d-debitur ma jiġix prekluż mill-ikompli l-operazzjonijiet tan-negozju tiegħu bil-parti li jifdal tan-negozju tiegħu wara l-konklużjoni tal-fażi ta' likwidazzjoni. Jenħtieġ li l-fażi ta' likwidazzjoni titwettaq permezz ta' proċedimenti ta' insolvenza għajr proċeduri ta' ristrutturar preventiv. Fl-Istati Membri fejn japplika r-Regolament (UE) 2015/848, jenħtieġ li l-fażi ta' likwidazzjoni titwettaq permezz ta' proċedimenti ta' insolvenza li huma inklużi fl-Anness A ta' dak ir-Regolament għajr proċedimenti ta' ristrutturar preventiv.

- (32) *Jenħtieġ li l-proċedimenti pre-pack ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-ħaddiema skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, inkluż l-involvement tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Jenħtieġ li l-proċedimenti pre-pack ikunu rregolati minn dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji u jenħtieġ li jinftiehem li huma proċedimenti li fihom it-trasferiment tan-negozju kollu jew parti minnu jitħejja bl-assistenza ta' sorveljatur taħt is-superviżjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti, qabel ma jinbdew proċedimenti formali ta' insolvenza bil-ħsieb tal-likwidazzjoni tal-assi tad-debitur. Filwaqt li l-objettiv primarju tal-proċedimenti pre-pack huwa li jippermetti li l-assi tad-debitur jiġu likwidati permezz tal-bejgħ tan-negozju, jew parti minnu, bħala negozju avvjat fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza sabiex jiġu sodisfatti kemm jista' jkun il-pretensjonijiet tal-kredituri kollha, dan jista' jservi wkoll biex jiġi ppreservat l-impjeg.*
- (33) *Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2001/23/KE. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri s-sentenza tat-28 ta' April 2022 fil-kawża C-237/20, Federatie Nederlandse Vakbeweging¹², il-fażi ta' likwidazzjoni hija koperta mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23/KE fejn il-proċedimenti pre-pack għandhom l-objettiv primarju li jiġu sodisfatti kemm jista' jkun il-pretensjonijiet tal-kredituri filwaqt li jiġi ppreservat kemm jista' jkun l-impjeg.*

¹² Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2022, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, C-237/20, ECLI:EU:C:2022:321.

- (34) *Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' proċedimenti pre-pack skont din id-Direttiva bl-ebda mod ma twassal għal restrizzjonijiet fuq is-setgħat tal-prattikanti fl-insolvenza jew fuq il-possibbiltà li n-negozju jinbiegħ bħala negozju avvjat fi proċedimenti ta' insolvenza skont il-liġi nazzjonali.*
- (35) *Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward il-proċedimenti pre-pack ma jissostitwux ir-regoli sostantivi nazzjonali, b'mod partikolari dawk dwar il-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet tal-kredituri, id-distribuzzjoni tar-rikavati, in-natura, l-ambitu u l-forma tal-parteċipazzjoni tal-kredituri, jew ir-remunerazzjoni tal-prattikant fl-insolvenza. Fil-każ li qorti jew awtorità kompetenti ma tawtorizzax il-bejgħ ta' negozju, jew parti minnu, kif propost mis-sorveljatur, jenħtieġ li l-proċedimenti ta' insolvenza jipproċedu skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar l-insolvenza. Il-bidu tal-fażi ta' likwidazzjoni huwa soġġett għal rekwiżiti skont il-liġi nazzjonali għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, bħall-eżistenza ta' raġuni għall-ftuħ ta' tali proċedimenti.*
- (36) *Jenħtieġ li l-proċedimenti pre-pack previsti skont din id-Direttiva jiġu applikati għad-debituri li huma persuni ġuridiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu permessi jestendu l-applikazzjoni tal-proċedimenti pre-pack għal persuni fiżiċi li huma intraprendituri.*

(37) *Jenħtieġ li d-debituri jkunu jistgħu jibbenefikaw minn waqfa temporanja ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali. Jenħtieġ li s-sospensjoni tkun disponibbli jew fil-fażi tal-preparazzjoni jew fil-kuntest ta' tip ieħor ta' proċedimenti ta' insolvenza li fihom id-debitur jibqa' totalment, jew tal-anqas parzjalment, fil-kontroll tal-assi tiegħu u l-operat ta' kuljum tan-negozju tiegħu u li fihom il-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew parti minnu, bħala negozju avvjat jista' jitkompla u jiġi konkluż. Meta s-sospensjoni ssir disponibbli fil-fażi tal-preparazzjoni, jenħtieġ li tkun disponibbli skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva (UE) 2019/1023 u l-liġijiet nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva.*

(38) Jenħtieġ li l-proċedimenti pre-pack jiżguraw li *l-aħjar offerta li tasal waqt* il-fażi tal-preparazzjoni *tiġi ppreżentata lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti* għall-awtorizzazzjoni *jew lill-kredituri għall-approvazzjoni*. *Jenħtieġ li s-sorveljatur jivvaluta u jiddikjara jekk il-likwidazzjoni tal-partijiet separati* tirkuprax aktar valur għall-kredituri mill-prezz tas-suq miksub *permezz tal-bejgħ* tan-negozju, jew parti minnu, bħala negozju avvjat. Il-valur *ta' negozju* avvjat *jista' jkun raġonevolment mistenni li jkun* oġġla mill-valur ta' likwidazzjoni tal-partijiet separati *tiegħu* għaliex hu bbażat fuq il-preżunzjoni li n-negozju *ser ikompli* bl-operat tiegħu bi tfixkil minimu, ser *iżomm* il-fiduċja tal-kredituri finanzjarji, l-azzjonisti u l-klijenti, u ser *ikompli* jiġġenera *dħul*. *Ma għandu jitqiegħed l-ebda piż bla bżonn fuq* is-sorveljatur *jew fuq il-proċess tal-bejgħ u, b'mod partikolari,* jenħtieġ li *ma tkunx meħtieġa valwazzjoni sħiħa fil-fażi preparatorja tal-proċess, għajr jekk ix-xerrej prospettiv ikun parti relatata mill-qrib mad-debitur*. *Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jitolbu lis-sorveljatur biex iqis elementi oħra għajr il-prezz, inkluż l-interess pubbliku jew il-vijabbiltà tan-negozju*. Madankollu, jenħtieġ li *japplika rekwiżit li jiġi impost* skrutinju akbar meta l-offerta *li titqies bħala l-aħjar* offerta ssir minn parti li tkun relatata mill-qrib mad-debitur. *Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jitolbu lis-sorveljatur biex jiġġustifika l-konklużjoni tiegħu li l-offerta identifikata bħala l-aħjar offerta ma tpoġġix lill-kredituri f'sitwazzjoni agħar minn dik li kienu jkunu fiha bħala riżultat ta' mekkaniżmu alternattiv biex tiġi indirizzata l-insolvenza tad-debitur*. Jenħtieġ li *s-sorveljatur jiddokumenta t-tħejjija tal-proċess tal-bejgħ, sabiex jipprovi bażi xierqa għall-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni tal-aħjar* offerta.

(39) *Jenħtieġ li l-fażi tal-preparazzjoni tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu durata massima li tista' tkun iqsar mit-tul tas-sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali previsti fid-Direttiva (UE) 2019/1023. Meta, matul il-fażi tal-preparazzjoni, isir evidenti li l-objettivi tal-proċedimenti pre-pack ma jistgħux jintlaħqu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li l-proċedimenti pre-pack jistgħu jintemmu. Sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jseħħu meta d-debitur jonqos milli jikkoopera mas-sorveljatur jew milli jaġixxi bid-diliġenza dovuta matul il-fażi tal-preparazzjoni. Sitwazzjoni oħra bħal din hija meta ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li n-negozju jinbiegħ bħala negozju avvjat, pereżempju meta l-kotba u r-rekords tad-debitur ma jkunux kompluti jew tant ikollhom nuqqasijiet li jkun impossibbli li tiġi aċċertata s-sitwazzjoni kummerċjali u finanzjarja tiegħu. Barra minn hekk, f'każijiet meta l-liġi tistipula li l-proċess tal-bejgħ imwettaq matul il-fażi tal-preparazzjoni jkun kompetittiv, trasparenti, ġust, u jissodisfa l-istandard tas-suq, l-atti tad-debitur li ma jkunux konformi ma' dawk ir-rekwiżiti jistgħu jitqiesu bħala nuqqas tat-twettiq tad-diliġenza dovuta. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jipprevedu li, anke jekk id-debitur jonqos milli jikkoopera mas-sorveljatur jew milli jaġixxi bid-diliġenza dovuta, meta l-kontinwazzjoni tal-fażi tal-preparazzjoni tkun fl-interess ġenerali tal-kredituri, ikun possibbli li l-qorti jew l-awtorità kompetenti tillimita d-drittijiet tad-debitur li jamministra n-negozju tiegħu f'konformità mal-liġi applikabbli dwar l-insolvenza, bil-ħsieb li jiġu konklużi l-proċedimenti pre-pack.*

- (40) Sabiex ***jiġi żgurat li*** negozju jinbiegħ ***bl-aħjar prezz permezz*** tal-proċedimenti pre-pack, jenħtiegħ li l-Istati Membri ■ jiżguraw ***li l-proċess ta' bejgħ fil-fażi tal-preparazzjoni jitwettaq skont*** standards għoljin ta' kompetittività, trasparenza u ġustizzja.
- Alternattivament, jenħtiegħ li l-Istati Membri jkunu jistgħu*** jipprevedu li, wara l-ftuħ tal-fażi tal-likwidazzjoni ***jew il-preżentazzjoni tal-aħjar offerent rakkomandat, isir irkant pubbliku biex tintgħażel l-aħjar offerta jew l-offerta rakkomandata mis-superviżur tiġi approvata mill-kredituri. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-approvazzjoni tal-kredituri tingħatax mil-laqgħa ġenerali tal-kredituri jew mill-kumitat tal-kredituri.***
- (41) ***L-Istati Membri mhumiex preklużi milli jipprevedu li qorti jew awtorità kompetenti li stabbiliet li l-proċess ta' bejgħ mhuwiex kompetittiv, trasparenti u ġust u ma jissodisfax l-istandards tas-suq tkun tista' tiddeċiedi li tipproċedi b'irkant pubbliku matul il-fażi tal-likwidazzjoni jew bil-likwidazzjoni tal-partijiet separati fi proċedimenti ta' insolvenza li jinfetħu fi ħdan il-proċedimenti pre-pack.***

- (42) *Huwa meħtieġ li l-kredituri kollha li jkollhom pretensjonijiet kontra d-debitur insolventi jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-fażi tal-likwidazzjoni tal-proċedimenti pre-pack. Jenħtieġ li jkun possibbli li tali pretensjonijiet jiġu rreġistrati, eżaminati u sodisfatti kif xieraq f'konformità mal-qafas ta' insolvenza applikabbli.*
- (43) *F'sistemi ta' insolvenza li huma bbażati fuq il-prinċipju tal-awtonomija tal-kredituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li huwa f'idejn il-laqgħa ġenerali tal-kredituri jew il-kumitat tal-kredituri li jawtorizzaw il-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew parti minnu, skont il-liġi nazzjonali.*
- (44) Meta Stat Membru jagħżel li jirrikjedi standards għoljin fil-fażi tal-preparazzjoni, *jenħtieġ li s-superviżur, jew, meta u sa fejn jiddeċiedu hekk l-Istati Membri, id-debitur fil-pussess,* ikun responsabbli li jiżgura li l-proċess ta' bejgħ ikun kompetittiv, trasparenti u ġust u jissodisfa l-istandards tas-suq. Sabiex jiġu sodisfatti l-istandards tas-suq, jenħtieġ li l-proċess tal-bejgħ ikun kompatibbli mar-regoli u l-prattika standard ■ dwar il-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet fl-Istat Membru kkonċernat, jenħtieġ li l-partijiet potenzjalment interessati jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċess tal-bejgħ, jenħtieġ li l-istess informazzjoni tiġi ddivulgata lix-xerrejja potenzjali, li tippermettilhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta, u jenħtieġ li l-offerti mill-partijiet interessati jinkisbu permezz ta' proċess strutturat.

- (45) *Meta* rkant pubbliku ***jsir qabel jew*** wara l-bidu tal-fażi tal-likwidazzjoni, jenħtieġ li l-offerta magħżula mis-superviżur matul il-fażi tal-preparazzjoni tintuża bħala offerta inizjali ("offerta stalking horse") ***għall-finijiet tal-irkant***. Jenħtieġ li matul il-fażi tal-preparazzjoni, id-debitur ikun jista' joffri inċentivi lill-offerent "stalking horse" billi jaqbel, b'mod partikolari, mar-rimborż tal-ispejjeż jew tal-miżati ta' ksur jekk tintgħażel offerta aħjar permezz tal-irkant pubbliku. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali inċentivi jkunu proporzjonati u ma jiskoraġġux lil offerenti potenzjalment interessati oħra milli jipparteċipaw fl-irkant.
- (46) ***Jenħtieġ li s-superviżur jiddokumenta u jirrapporta bil-miktub dwar kull pass tal-proċess ta' bejgħ. Jenħtieġ li dawk id-dokumenti u r-rapporti jkunu disponibbli f'format diġitali f'waqthom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-sorveljatur ikun soġġett għall-istess rekwiżiti ta' kunfidenzjalità bħal prattikant fl-insolvenza.***

- (47) ***Sabiex jiġi prevenut d-deprezzament tal-valur ta' negozju sempliċiment minħabba li jkun soġġett għal proċedimenti ta' insolvenza, huwa importanti li jiġi żgurati li l-kontropartijiet operazzjonali, bħall-fornituri jew il-klijenti tad-debitur ikkonċernat, huma meħuda mill-akkwired u ma jiġux affettwati mill-proċedimenti pre-pack.***
- Għalhekk, jenħtieġ li l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza ma jirriżultax fit-terminazzjoni bikrija ta' kuntratti li skonthom il-partijiet ikun għad iridu jeżegwixxu ċerti obbligi u li huma meħtieġa għall-kontinwazzjoni tan-negozju. Tali terminazzjoni tipperikola bla bżonn il-valur tan-negozju, jew ta' parti minnu, li għandu jinbiegħ permezz tal-proċedimenti pre-pack. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurati li ssir ċessjoni ta' tali kuntratti lill-akkwired tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, anke mingħajr ma l-kontroparti tad-debitur fil-kuntratt tagħti l-kunsens tagħha għaċ-ċessjoni għaċ-ċessjoni. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom it-trasferiment ta' ċerti obbligi taħt tali kuntratti ma jistax ikun raġonevolment mistenni, bħal meta l-akkwired ikun kompetitur tal-kontroparti għall-kuntratt. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li l-kunsens tal-kontroparti jew tal-kontropartijiet tad-debitur ikun meħtieġ għaċ-ċessjoni tal-obbligi kuntrattwali, skont it-tip ta' kuntratt, in-natura tal-partijiet, jew l-interessi tan-negozju kkonċernat. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikjedu l-kunsens tad-detentur tal-liċenzja biex jiġu tterminati kuntratti relatati ma' liċenzji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali u industrijali, li d-debitur ikun il-konċedent tal-liċenzja tagħhom, peress li l-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet fil-każ tal-insolvenza tal-konċedent tal-liċenzja tinkoraġġixxi l-investiment fl-iżvilupp ta' tali drittijiet.***

- (48) *Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar iċ-ċessjoni awtomatika ta' kuntratti lill-akkwiredent huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kontroparti li tittermina l-kuntratt f'konformità mat-termini tiegħu, jew id-dritt tal-kontroparti li tiegħu miżuri skont il-liġi kuntrattwali applikabbli li għandhom l-għan li ijjguraw l-eżekuzzjoni konformi tal-obbligu tad-debitur f'każijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni difettuża, bħad-dritt tal-kontroparti li titlob interessi ta' depożitu jew ta' garanzija jew id-dritt ta' żamma tal-eżekuzzjoni qabel jew wara ċ-ċessjoni.*
- (49) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu wkoll salvagwardja addizzjonali għall-protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-kontroparti, billi jagħtu lill-kontroparti d-dritt li tittermina l-kuntratt b'avviż ta' mhux inqas minn tliet xhur meta l-kontroparti tkun ippreġudikata b'mod inġust minn obbligu li tkompli teżegwixxi l-kuntratt sal-egreb data li fiha altrimenti tkun tista' tittermina l-kuntratt skont il-liġi nazzjonali. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-oneru tal-provi li jikkonċernaw preġudizzju inġust skont il-liġi nazzjonali.*

- (50) *Sabiex tiżdied l-attraenza tal-ftehimiet tal-assi għal xerrejja potenzjali u, b'hekk, jinkisbu preżżijiet ogħla fil-bejgħ ta' negozju avvjat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li x-xerrejja jakkwistaw negozji liberi u franki minn djun u obligazzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu sodisfatti mir-rikavat tal-bejgħ u ma għandhomx isiru direttament kontra x-xerrej ta' negozju. Madankollu, l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratti eżekutorji jew minn relazzjonijiet ta' impjeg, pereżempju obbligi marbuta mal-intitolament ta' pensjoni okkupazzjonali, li jiġu ttrasferiti lill-akkwiredent jibqgħu mal-akkwiredent. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu jew iżommu regoli li jipprevedu li l-imġiba tad-debitur titqies fil-valutazzjoni tar-responsabbiltà tal-akkwiredent għad-danni, jekk dik l-imġiba tista' tiġi imputata lill-akkwiredent skont il-liġi applikabbli dwar l-insolvenza. Tali regoli jistgħu japplikaw għal danni koperti mid-dritt ambjentali jew danni marbuta mas-sjieda jew il-kontroll ta' ċerti assi.*
- (51) *Jenħtieġ li r-rilaxx ta' interessi ta' garanzija f'assi li jappartjenu għan-negozju tad-debitur jew aggravarji oħra marbuta magħhom ikunu rregolati mid-dritt nazzjonali. Meta l-liġi fi Stat Membru tirrikjedi l-kunsens espliċitu tad-detentur ta' interess ta' garanzija għar-rilaxx ta' dak l-interess, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jkun jista' jipprevedi deroga minn dak ir-reqwiżit, ħlief jekk id-detentur joġġezzjona għal dak ir-rilaxx.*

- (52) *Jenħtieġ li l-aħjar offerta ma tiġix skwalifikata fil-fażi tal-preparazzjoni biss għaliex tiġi ppreżentata minn parti relatata mill-qrib mad-debitur. Jenħtieġ għalhekk li l-partijiet relatati mill-qrib mad-debitur jitħallew jippreżentaw offerta u, meta l-offerta tagħhom tirnexxi, jakkwistaw in-negozju liberu u frank minn djun u obbligazzjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li l-eliġibbiltà ta' partijiet relatati mill-qrib għall-offerti tkun soġġetta għal skrutinju msaħħaħ tal-proċess tal-offerti. L-għoti ta' opportunitajiet indaqs għal offerenti oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni u l-iżgurar ta' simetrija tal-informazzjoni, jiffaċilita proċedimenti pre-pack rapidi u effiċjenti u jippermetti lil offerenti oħra jħejju l-offerti tagħhom.*
- (53) *Meta l-offerta ppreżentata minn parti relatata mill-qrib mad-debitur titqies bħala l-aqwa offerta, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu salvagwardji addizzjonali għall-awtorizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-bejgħ tan-negozju tad-debitur jew ta' parti minnu. Tali salvagwardji jistgħu jinkludu l-obbligu għall-akkwired li jiżgura l-kontinwità tal-operat għal perjodu minimu ta' żmien, jew iż-żamma ta' kuntratti ta' impjeg.*

- (54) Il-possibbiltà **li jiġu eżegwiti** d-drittijiet ta' prelazzjoni matul il-proċess tal-bejgħ tfixkel il-kompetizzjoni fil-proċedimenti pre-pack. L-offerenti potenzjali jistgħu jastjenu milli jagħmlu offerti **jekk id-detenturi** tad-drittijiet **jistgħu, fid-diskrezzjoni** tagħhom **■** , **jirrifjutaw dawk l-offerti**, irrISPettivament mill-ħin u r-riżorsi investiti jew mill-valur tal-offerti **kkonċernati**. Sabiex jiġi żgurat li l-offerti rebbieħa **jirriflettu** l-aħjar **prezz** fis-suq, jenħtieġ li d-drittijiet ta' prelazzjoni ma jiġux konċessi lill-offerenti, u jenħtieġ li tali drittijiet lanqas ma jiġu eżegwiti matul il-**fażi tal-likwidazzjoni**. **Jenħtieġ li** minflok ma d-detenturi ta' drittijiet ta' prelazzjoni li ngħataw qabel il-bidu tal-proċedimenti pre-pack jinvokaw id-drittijiet ta' prelazzjoni tagħhom, **■** jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti. **Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżegwixxu d-drittijiet statutorji ta' prelazzjoni li mhumiex affettwati mill-insolvenza tad-debitur.**

- (55) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu lill-kredituri garantiti jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti fil-proċedimenti pre-pack billi joffru l-ammont tal-pretensjonijiet garantiti tagħhom bħala korrispettiv għax-xiri tal-assi li fuqhom ikollhom garanzija (offerti ta' kreditu). Madankollu, jenħtieġ li l-offerti ta' kreditu ma jintużawx b'*tali* mod *li jipprovd* lill-kredituri garantiti vantaġġ indebitu fil-proċess tal-offerti, bħal *meta* l-ammont tal-pretensjoni garantita tagħhom kontra assi ta' debitur ikun ogħla mill-valur tas-suq *tan-negozju tad-debitur*. *Bħala tali, jenħtieġ li kreditur garantit ma jkunx jista' joffri l-ammont sħiħ tal-pretensjoni tagħhom kontra n-negozju tad-debitur, meta n-negozju jkun jiswa inqas minn dak l-ammont, billi dan jista' jiskoraġġixxi lil kompetituri potenzjali milli jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Direttiva tirrestrinġi l-ammont li kreditur jista' joffri f'każijiet fejn ikun hemm pretensjonijiet sottogarantiti jew sottokollateralizzati. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li kreditur garantit jitħalla biss joffri ammont li għandu jiġi paċut mal-prezz tax-xiri, mingħajr ma jaqbeż il-valur tas-suq tan-negozju. Ir-restrizzjoni fuq il-kapaċità ta' kreditur li joffri l-valur sħiħ ta' pretensjoni garantita ma timplikax li dik il-pretensjoni tiflew l-interess ta' garanzija tagħha fir-rigward tal-parti tal-pretensjoni li ma tistax tintuża fil-proċess tal-offerti.*

(56) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-**liġi** tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004¹³, u ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli jinfurzaw is-sistemi nazzjonali ta' kontroll tal-fużjonijiet. Fl-għażla tal-aħjar offerta, jenħtieġ li s-sorveljatur jitħalla jqis ir-riskji regolatorji maħluqa mill-offerti li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u jenħtieġ li jkun jista' jikkonsulta lil daww l-awtoritajiet f'konformità mar-regoli applikabbli. **Jenħtieġ li d-divulgazzjoni ta' informazzjoni mill-awtorità tal-kompetizzjoni ma tmurx kontra r-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.** Jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà tal-offerenti li jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu vvalutati daww ir-riskji u li jikkomunikaw fil-ħin mal-awtoritajiet kompetenti tal-kompetizzjoni sabiex jittaffew daww ir-riskji. Sabiex tiżdied il-probabbiltà li l-proċedimenti pre-pack jirnexxu, f'każ li offerta toħloq tali riskji, jenħtieġ li s-sorveljatur **jew id-debitur** ikun meħtieġ iwettaq ir-rwol **tiegħu** b'mod li jiffaċilita l-preżentazzjoni ta' offerti alternattivi.

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj>).

(57) Id-diretturi jissorveljaw il-ġestjoni tal-affarijiet ta' **kumpanija** u għandhom l-aħjar ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Għalhekk, id-diretturi jkunu fost l-ewwel li jindunaw jekk **kumpanija tkunx insolventi**. Meta d-diretturi jagħmlu rikors tard għall-proċedimenti ta' insolvenza, dan jista' jwassal għal valuri ta' rkupru aktar baxxi għall-kredituri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu dmir għad-diretturi biex jagħmlu talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza f'perjodu speċifikat. **Fil-kuntest ta' dak id-dmir, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu permessi jiddefinixxu l-insolvenza b' mod differenti mill-avveniment li bih jiskatta l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza. Meta Stat Membru jkollu aktar minn limitu ta' insolvenza wieħed, huwa dak l-Istat Membru li għandu jiddetermina liema minn dawk il-limiti li bih jiskatta d-dmir li tiġi ppreżentata talba għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jispeċifikaw ukoll il-persuni li għalihom japplikaw id-dmirijiet tad-diretturi, b'kont meħud tal-firxa ta' responsabbiltajiet li ċerti persuni jew korpi jista' jkollhom fir-rigward ta' deċiżjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-kumpaniji.**

- (58) Jenħtieġ li talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza tiġi ppreżentata flimitu ta' żmien speċifikat. *Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dak il-limitu ta' żmien ma jkunx itwal minn tliet xhur mill-mument li d-diretturi jsiru konxji, jew jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jkunu saru konxji, li l-kumpanija hija insolventi. Jekk il-kumpanija terġa' tikseb is-solvenza tagħha qabel l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien, iżda terġa' ssir insolventi wara dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li limitu ta' żmien għdid jibda minn dak il-mument.*
- (59) *Meta kumpanija ssir insolventi, il-protezzjoni tal-korp ġenerali tal-kredituri tista' tinkiseb b'modi differenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li d-dmir tad-diretturi li jippreżentaw talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza jista' jiġi sodisfatt billi l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-insolvenza tal-kumpanija permezz ta' notifika f'reġistru pubbliku sabiex jiġi żgurat li l-kredituri jkunu jistgħu japplikaw għal proċedimenti ta' insolvenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu wkoll jissospendu d-dmir tad-diretturi li jippreżentaw talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, jekk id-diretturi jieħdu miżuri bil-ħsieb li jipproteġu l-interessi tal-korp ġenerali tal-kredituri u dawk il-miżuri jiżguraw livell ta' protezzjoni lill-korp ġenerali tal-kredituri li jkun ekwivalenti għal dak żgurat mill-preżentazzjoni ta' talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza. Tali miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, miżuri meħuda mis-sidien tal-kumpanija biex tiġi restawrata s-solvenza tal-kumpanija.*

(60) Sabiex jiġi żgurat li d-diretturi ma jaġixxux *kontra l-interessi tal-kredituri* billi jittardjaw il-preżentazzjoni ta' talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, minkejja sinjali ta' insolvenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu dispożizzjonijiet li jagħmlu lid-diretturi responsabbli b'mod ċivili għan-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' tali talba. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li d-diretturi jikkumpensaw lill-kredituri għal *kwalunkwe dannu* li jirriżulta mid-deterjorament fil-valur ta' rkupru tal-kumpanija meta mqabbel mas-sitwazzjoni li kienet teżisti li kieku t-talba ġiet ippreżentata fil-ħin. *Sa fejn din id-Direttiva ma tipprevedix regoli speċifiċi, jenħtieġ li l-aspetti l-oħra kollha tar-responsabbiltà ċivili, bħall-kalkolu tad-danni jew l-oneru tal-provi, jiġu rregolati kmil-liġi nazzjonali.* Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu *wkoll* jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà ċivili tad-diretturi relatata ma' rikors għal proċedimenti ta' insolvenza li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti b'din id-Direttiva.

- (61) *Meta l-Istati Membri jippermettu lid-diretturi jieħdu miżuri biex jiproteġu l-interessi tal-korp ġenerali tal-kredituri, minbarra li jwettqu d-dmir tagħhom li jippreżentaw talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, jenħtieġ li jstabbilixxu wkoll dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-diretturi jkunu responsabbli għal kwalunkwe dannu kkawżat lill-kredituri li jirriżulta mid-deterjorament fil-valur ta' rkupru tal-kumpanija meta mqabbel mas-sitwazzjoni li kienet teżisti li kieku ġiet ippreżentata talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-kredituri jitqiegħdu fil-pożizzjoni li kienu jkunu fiha li kieku t-talba għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza ġiet ippreżentata mid-diretturi sal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Istati Membri. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jipprevedu r-rilaxx tad-diretturi minn tali responsabbiltà meta u sal-punt li daww id-diretturi jkunu jistgħu juru, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi u informazzjoni li kienet aċċertabbli fil-mument meta ttieħdu l-miżuri kkonċernati, li kien raġonevolment mistenni li tali miżuri kienu jiksbu eżitu ekwivalenti jew aħjar għall-kredituri mill-eżitu li jirriżulta mill-preżentazzjoni ta' talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, jenħtieġ li tapplika l-liġi nazzjonali dwar l-issodisfar tal-oneru tal-provi.*
- (62) *Sabiex jiġi promoss qafas ta' insolvenza effiċjenti u inklużiv li jappoġġa l-intraprenditorija u t-tiġdid ekonomiku, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu jew jintroduċu proċedimenti ta' stralċ simplifikati għall-mikrointrapriżi.*

(63) *Meta imprenditur ikollu sjieda sħiħa jew parzjali ta' kumpanija u jkun personalment responsabbli għad-dejn kollu tal-kumpanija, jenħtieġ li l-fatt li l-kumpanija ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-kost tal-proċedimenti ta' insolvenza ma jipprevjenix lill-imprenditur milli jikseb ħelsien mid-dejn f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1023 u b'hekk jibbenefika mit-tieni opportunità. Filwaqt li l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jintroduċu proċedura ġdida għall-ħelsien mid-dejn, jenħtieġ li jiżguraw aċċess għal proċeduri għall-ħelsien mid-dejn għal imprendituri li huma persuni fiżiċi, u mhux għal kumpaniji. Din id-Direttiva tikkonċerna imprendituri insolventi li huma responsabbli għad-djun kollha ta' kumpanija u jenħtieġ li ma tikkonċernax persuni li huma biss parzjalment responsabbli għad-dejn ta' kumpanija bħal garanti għas-self bankarju tal-kumpanija u tipi oħra ta' garanziji lil xi kreditur tal-kumpanija. Din id-Direttiva tikkonċerna biss iċ-ċaħda ta' ħelsien mid-dejn għar-raġuni li ma jista' jinfetħ l-ebda proċediment ta' insolvenza kontra l-kumpanija minħabba li l-kumpanija ma jkollhiex biżżejjed assi biex tkopri l-kostijiet ta' tali proċedimenti ta' insolvenza. Din id-Direttiva ma tirregolax raġunijiet oħra għaċ-ċaħda ta' ħelsien mid-dejn, bħal dawk previsti fid-Direttiva (UE) 2019/1023. Meta persuna tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mid-dejn, id-data tad-deċiżjoni li tirrifjuta jew li ma tiftaħx proċedimenti ta' insolvenza kontra l-kumpanija tista' tiġi applikata minflok id-data msemmija fl-Artikolu 21(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2019/1023.*

(64) Huwa importanti li jiġi żgurat *li l-kredituri jkunu involuti b'mod xieraq fil-proċedimenti ta' insolvenza sabiex l-interessi tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu b'mod adegwat*. Il-kumitati tal-kredituri jippermettu involviment aħjar tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza, b'mod partikolari meta l-kredituri altrimenti jiġu prevenuti milli jagħmlu dan individwalment minħabba riżorsi limitati, is-sinifikat ekonomiku tal-pretensjonijiet tagħhom, jew in-nuqqas ta' prossimità ġeografika. Il-kumitati tal-kredituri jistgħu jgħinu lill-kredituri transfrontieri biex jeżerċitaw aħjar id-drittijiet tagħhom u jiżguraw li jiġu ttrattati b'mod ġust. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu li jiġi stabbilit kumitat tal-kredituri ladarba jinfetħu l-proċedimenti *ta' insolvenza*. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu wkoll li jiġi stabbilit kumitat tal-kredituri qabel ma jinfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza. M'hemm xejn li jipprevjeni lill-Istati Membri milli jestendu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' kumitati tal-kredituri għal proċedimenti ta' ristrutturar preventiv**. Jenħtieġ li kumitat tal-kredituri jiġi stabbilit *kull meta l-laqgħa ġenerali tal-kredituri tiddeċiedi jew titlob dan jew, fejn il-liġi nazzjonali ma tipprevedix laqgħa ġenerali tal-kredituri, jekk il-kredituri jitolbu dan f'konformità mal-liġi nazzjonali*. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li *jiddeċiedu li l-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti jew il-prattikanti fl-insolvenza jistgħu jistabbilixxu kumitat tal-kredituri fuq inizzjattiva tagħhom stess jew fuq talba ta' kreditur wieħed jew aktar, tal-prattikant fl-insolvenza jew tad-debitur*.

(65) Il-**piż** tal-istabbiliment u tal-operat ta' kumitat tal-kredituri **għandu** jkun proporzjonat **mal-benefiċċji tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li** ma jiġi stabbilit ebda kumitat tal-kredituri meta l-**piż** tal-istabbiliment u l-operat tiegħu jkun ogħla mir-rilevanza ekonomika tad-deċiżjonijiet li **jista'** jieħu. Dan jista' jkun il-każ fejn ikun hemm ftit wisq kredituri, fejn maġġoranza kbira tal-kredituri jkollhom sehem żgħir fil-pretensjoni kontra d-debitur, **meta dewmien possibbli kkawżat mill-istabbiliment ta' kumitat tal-kredituri jwassal għad-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur,** jew meta l-valur mistenni li jiġi rkuprat mill-patrimonju tal-insolvenza fil-proċedimenti ta' insolvenza jkun inqas mill-kost tal-istabbiliment u tal-operat tal-kumitat tal-kredituri. **Tali sitwazzjonijiet iseħħu,** b'mod partikolari, fi proċedimenti ta' insolvenza **li jikkonċernaw debituri li huma imprendituri jew intrapriżi iżgħar, u fi proċeduri ta' kwittanza. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu l-istabbiliment ta' kumitat tal-kredituri biss għal impriżi kbar skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. Fil-każ ta' intrapriżi iżgħar, huwa possibbli li l-liġi nazzjonali diġà tipprevedi, b'modi oħra, li l-interessi tal-kredituri jkun protetti b'mod adegwat permezz ta' proċedimenti ta' insolvenza.**

¹⁴ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>).

- (66) *Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-istabbiliment tal-kumitat tal-kredituri japplikaw għad-debituri li huma persuni ġuridiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu permessi jestendu l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet għal persuni fiżiċi li huma imprendituri.*
- (67) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċaraw il-funzjonijiet tal-kumitati tal-kredituri u r-rekwiżiti, id-dmirijiet u l-proċeduri għall-ħatra tal-membri tagħhom . Sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn meta jiġi stabbilit il-kumitat tal-kredituri, jenħtieġ li l-kumitat jinħatar malajr **biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' insolvenza. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kredituri jkunu rappreżentati b'mod ġust fil-kumitati tal-kredituri** u li l-kredituri transfruntieri li jkunu residenti fi Stat Membru għajr dak li fih infetħu l-proċedimenti ta' insolvenza **ma jkunux preklużi milli jipparteċipaw fil-kumitati tal-kredituri. Meta l-ħaddiema jkunu fost il-kredituri, jenħtieġ li dawk il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu eliġibbli għall-ħatra fil-kumitati tal-kredituri, sakemm ma jkunx hemm mekkaniżmu ieħor, tal-anqas ekwivalenti, li permezz tiegħu jistgħu jiġu r-rappreżentati l-interessi tal-ħaddiema fi proċedimenti ta' insolvenza. Dan jista' jkun il-każ meta l-interessi tal-ħaddiema fi proċedimenti kollettivi jitqiesu permezz ta' konsultazzjonijiet obligatorji mar-rappreżentanti tagħhom dwar id-direzzjoni tal-proċedimenti jew qabel deċiżjonijiet ewlenin, bħal dwar il-bejgħ tal-assi jew it-trasferiment tan-negozju. Il-ħaddiema li l-pretensjonijiet tal-pagi tagħhom jitħallsu bis-sħiħ minn istituzzjoni ta' garanzija mhumiex kredituri.***

- (68) Ir-rappreżentanza ġusta tal-kredituri f'kumitati tal-kredituri hija partikolarment importanti fir-rigward tal-kredituri mhux garantiti, **inkluż kredituri bi pretensjonijiet** żgħar. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu li persuni jew entitajiet li mhumiex kredituri, bħar-rappreżentanti tal-ħaddiema, korpi pubbliċi jew istituzzjonijiet ta' garanzija, ikunu eliġibbli wkoll għall-ħatra f'kumitati tal-kredituri** .
- (69) Jenħtieġ li l-kumitati tal-kredituri jkunu **involuti fil**-proċedimenti ta' insolvenza u **jiżguraw li dawn** jitwettqu b'mod li jipproteġi l-interessi tal-kredituri, **inkluż billi jsegwu u jiġi infurmati regolament dwar l-attivitajiet tal-prattikant fl-insolvenza, mingħajr ma jirrikjedu li l-prattikant fl-insolvenza jkun subordinat għall-kumitat**. Ir-rwol tal-kumitati tal-kredituri fil-monitoraġġ tal-ġustizzja u l-integrità tal-proċedimenti ta' insolvenza jista' jitwettaq b'mod effettiv biss meta huma u l-membri tagħhom jaġixxu b'mod indipendenti mill-prattikanti fl-insolvenza u marbutin li jaġtu rendikont biss lill-kredituri. **Jenħtieġ li l-membri tal-kumitati tal-kredituri jaġixxu in bona fide meta jwettqu l-funzjonijiet tal-kumitat. Jenħtieġ li kredituri, membri tal-kumitat tal-kredituri u kwalunkwe professjonist impjegat mill-kumitati tal-kredituri jżommu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba b'rabta mal-attivitajiet tal-kumitat tal-kredituri.**

- (70) **█** Filwaqt li jenħtieġ li kumitat tal-kredituri **jkun █** kbir biżżejjed biex jiżgura diversità fil-fehmiet u fl-interessi tal-kredituri, jenħtieġ ukoll li jkun relattivament limitat f'daqsu sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv u f'waqtu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jispeċifikaw meta u kif il-kompożizzjoni tal-kumitat jeħtieġ li tinbidel, bħal fil-każ li r-rappreżentanti ma jkunux għadhom jistgħu jaġixxu, inkluż fl-aħjar interessi tal-kredituri, jew ikunu jixtiequ jirtiraw. Jenħtieġ li ***l-Istati Membri*** jispeċifikaw ukoll il-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-membri ***li jkunu wettqu ksur serju fir-rigward tad-dmir tagħhom li jaġixxu fl-interessi tal-korp ġenerali tal-kredituri. Tali ksur jista' jinkludi sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess.***
- (71) ***Jenħtieġ li l-metodi ta' ħidma*** tal-kumitati tal-kredituri jkunu trasparenti u effettivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri **█** jistabbilixxu rekwiżiti dwar il-metodi ta' ħidma tal-kumitati tal-kredituri, li jispeċifikaw ***il-proċedura għall-votazzjoni, inkluż l-eliġibbiltà għall-vot u l-kworum meħtieġ, iż-żamma tar-rekords tad-deċiżjonijiet meħuda,*** u kif jiġu żgurati l-imparzjalità u l-kunfidenzjalità tal-ħidma tagħhom. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-metodi ta' ħidma jistgħu jiġu speċifikati aktar mill-kumitati tal-kredituri permezz ta' protokoll.***

- (72) *Jenħtieġ li l-kredituri jkunu jistgħu jipparteċipaw u jivvutaw b'mod elettroniku jew jiddelegaw id-drittijiet tal-vot tagħhom, lil persuna terza debitament awtorizzata. Il-possibbiltà ta' delega tkun partikolarment ta' beneficiċju għall-kredituri residenti fi Stati Membri għajr l-Istat Membru fejn infetħu l-proċedimenti ta' insolvenza.*
- (73) *Jenħtieġ li l-kumitati tal-kredituri jingħataw biżżejjed drittijiet biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effiċjenti u effettiv. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kumitati tal-kredituri jaġixxu b'mod trasparenti u jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-prattikanti fl-insolvenza, mal-qrati, mad-debitur fil-pussess, u mal-kredituri li huma jirrappreżentaw, kif meħtieġ, biex il-kumitati tal-kredituri jkunu jistgħu jfasslu u jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess dirett u ta' rilevanza għall-kredituri, u li daww il-fehmiet jitqiesu kif xieraq fil-proċedimenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu d-dritt tal-kumitati tal-kredituri li jitolbu informazzjoni mill-prattikanti fl-insolvenza u, meta applikabbli, mid-debituri fil-pussess. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu li l-kumitati tal-kredituri jkollhom id-dritt li jinstemgħu dwar deċiżjonijiet ewlenin. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lil-laqgħa ġenerali tal-kredituri tiddelega deċiżjonijiet lill-kumitati tal-kredituri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu wkoll id-dritt tal-kumitati tal-kredituri li jaħtru segretarju u li jitolbu parir estern dwar kwistjonijiet li fihom il-kredituri li jirrappreżentaw ikollhom interess.*

- (74) Peress li l-operat tal-kumitati tal-kredituri jġarrab spejjeż, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jistabbilixxu regoli ċari dwar*** min ser iħallas dawk l-ispejjeż. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu wkoll salvagwardji biex jipprevjenu li l-kostijiet tal-kumitati tal-kredituri jnaqqsu l-valur ta' rkupru tal-patrimonji tal-insolvenza b'mod sproporzjonat.
- (75) Sabiex il-kredituri jiġu mħeġġa jsiru membri f'kumitati tal-kredituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jillimitaw ir-responsabbiltà ċivili tagħhom ■ meta jwettqu funzjonijiet f'konformità ma' din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li jitneħħew membri tal-kumitati tal-kredituri ***li jkunu kisru dmirijiethom intenzjonalment jew b'mod negliġenti serju*** u jinżammu responsabbli għal dak il-ksur. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu li dawk il-membri jinżammu responsabbli individwalment għad-detriment ikkawżat mill-imġiba ħażina tagħhom. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu ma japplikawx tali limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili meta l-ispejjeż għal assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà personali tal-membri ta' kumitat tal-kredituri jitħallsu mill-patrimonju tal-insolvenza. Meta l-Istati Membri jafdaw lill-kumitati tal-kredituri b'setgħat akbar minn dawk previsti minn din id-Direttiva, li jippermettulhom, pereżempju, jieħdu deċiżjonijiet dwar l-assi tad-debitur jew li jaċċettaw tranżazzjonijiet, jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprevedu li l-membri tal-kumitati tal-kredituri jinżammu responsabbli bl-istess mod bħall-prattikanti fl-insolvenza.***

(76) Sabiex tiġi żgurata trasparenza mtejba tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċedimenti nazzjonali tal-insolvenza u, speċjalment, biex il-kredituri transfruntieri jiġu megħjuna jivvalutaw x'jiġri mill-investimenti tagħhom jekk daww il-investimenti jispiċċaw involuti fi proċedimenti ta' insolvenza, jenħtieġ li l-investituri u l-investituri potenzjali jingħataw aċċess faċli għal dik l-informazzjoni f'format predefinit, komparabbli u faċli għall-utent. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħejju skeda ta' informazzjoni ewlenija standardizzata u jagħmluha disponibbli għall-pubbliku. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel l-iskedi ta' informazzjoni ewlenija disponibbli għall-pubbliku f'format multilingwi.** Skeda ta' **informazzjoni ewlenija** tkun għodda **importanti** għall-investituri potenzjali biex jagħmlu valutazzjoni rapida tar-regoli ta' Stat Membru partikolari dwar il-proċedimenti ta' insolvenza. Jenħtieġ li jkun fiha biżżejjed spjegazzjonijiet biex il-qarrej ikun jista' jifhem l-informazzjoni li jkun fiha mingħajr ma jkollu għalfejn jirreferi għal sorsi oħra ta' informazzjoni. Jenħtieġ li l-iskedi ta' informazzjoni ewlenija jinkludu informazzjoni prattika dwar il-**kundizzjonijiet li bihom jiskatta l-ftuħ tal-proċedimenti** ta' insolvenza kif ukoll dwar il-passi li għandhom jittieħdu biex jintalab il-bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza jew biex tiġi ppreżentata pretensjoni. **Peress li l-Istati Membri diġà huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-proċeduri ta' insolvenza skont ir-Regolament (UE) 2015/848, huwa importanti li jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta skont din id-Direttiva tkun konsistenti mal-informazzjoni pprovduta skont dak ir-Regolament. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa minn din id-Direttiva permezz tan-**Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE****¹⁵.

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25, <http://data.europa.eu/eli/dec/2001/470/oj>).

(77) *Fil-każ ta' sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri naturali jew avvenimenti katastrofiċi oħra li jfixxlu serjament l-attivitàjiet ekonomiċi fil-livell ta' Stat Membru jew tar-reġjuni tiegħu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu malajr sabiex jimminimizzaw l-impatt negattiv ta' dawk is-sitwazzjonijiet fuq l-ekonomija. Tali sitwazzjonijiet irriżultaw fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID u jistgħu jinqalgħu fil-kuntest ta' kriżi sistemika kif definita fid-Direttiva 2014/59/UE jew f'sitwazzjonijiet fejn l-għajnuna mill-Istat tkun kompatibbli mas-suq intern biex tisewwa l-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali skont l-Artikolu 107(2), il-punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, li jimplikaw ir-riskju ta' insolvenzi mifruxa, inkluż għal kumpaniji li jkunu vijabbli f'ċirkostanzi ordinarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jidderogaw temporanjament minn ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li d-derogi jkunu limitati fl-ambitu u fiż-żmien għal dak li huwa essenzjali biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni eċċezzjonali, pereżempju billi jkunu ristretti ġeografikament għar-reġjun fl-Istati Membri li huwa affettwat minn diżastru naturali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li jidderogaw minn din id-Direttiva, l-ambitu territorjali tagħhom, it-tul ta' żmien tagħhom u ġustifikazzjoni tal-ħtieġa li jiġu implimentati. Jenħtieġ li l-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw dawk il-miżuri ma jaffettwax id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li n-notifika, li tiffaċilita l-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-konformità tad-derogi mar-rekwiżiti rilevanti, tinġieb għall-attenzjoni ta' Stati Membri oħra mingħajr dewmien bla bżonn. Jenħtieġ li d-durata massima tad-deroga tkun ta' sena, u jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi estiża b'perjodi ta' sitt xhur soġġett għal mekkaniżmu ta' kontroll addizzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw it-talba għal estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tad-deroga sabiex il-Kummissjoni tkun tista' topponiha jekk ikun hemm bżonn.*

- (78) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din *id-Direttiva*, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (79) *Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' għarfien prattiku u ta' informazzjoni kummerċjali mhux divulgati, magħruf ukoll bħala sigrieti kummerċjali, mill-ksib, l-użu u d-divulgazzjoni illegali tagħhom skont id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.*

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

¹⁷ *Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konozzenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/943/oj>).*

- (80) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li d-differenzi bejn l-oqfsa ta' insolvenza nazzjonali jkomplu joħolqu ostakli għall-moviment liberu tal-kapital u l-libertà ta' stabbiliment, iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (81) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprietà, id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif ukoll id-dritt għal proċess ġust.

- (82) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ japplika għall-ipproċessar tad-data personali għall-fini ta' din id-Direttiva. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ japplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni għall-finijiet ta' din id-Direttiva.
- (83) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fis-6 ta' Frar 2023²⁰.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

²⁰ ĠU C 89, 10.3.2023, p. 10.

Titolu I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar:
 - (a) azzjonijiet revokatorji;
 - (b) traċċar ta' assi li jappartjenu għall-patrimonji tal-insolvenza;
 - (c) il-proċedimenti pre-pack;
 - (d) id-dmir tad-diretturi li jippreżentaw talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza;
 -
 - (e) il-kumitati tal-kredituri;
 - (f) skedi ta' informazzjoni ewlenija.
2. ***It-Titoli II, III u VI ta' din id-Direttiva japplikaw għal proċedimenti kollettivi, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2015/848, li huma bbażati fuq liġijiet relatati mal-insolvenza, bl-eċċezzjoni ta' proċeduri ta' ristrutturar preventiv. It-Titolu II ma japplikax għall-proċedimenti interim.***

3. Din id-Direttiva ma tapplikax *meta* d-debituri huma:
- (a) impriżi tal-assigurazzjoni jew impriżi tar-riassigurazzjoni kif definiti fl-Artikolu 13, il-punti (1) u (4) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹;
 - (b) istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²²;
 - (c) impriżi ta' investiment jew impriżi ta' investiment kollettiv kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punti (2) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (d) kontropartijiet ċentrali kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³;
 - (e) depożitorji ċentrali tat-titoli kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴;
 - (f) istituzzjonijiet u entitajiet finanzjarji oħrajn elenkati fl-Artikolu 1(1), ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵;

²¹ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibilità II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj>).

²² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>).

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj>).

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj>).

²⁵ Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj>).

- (g) korpi pubbliċi skont **il-liġi** nazzjonali;
- (h) persuni fiżiċi **li mhumiex** imprendituri ■ .

4. ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva debituri li huma entitajiet finanzjarji għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3 li jipprovdu servizzi finanzjarji li huma soġġetti għal arranġamenti speċjali li taħtom l-awtoritajiet superviżorji jew ta' riżoluzzjoni nazzjonali jkollhom setgħat wiesgħa ta' intervent komparabbli ma' dawk fir-rigward tal-entitajiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawk l-arranġamenti speċjali lill-Kummissjoni.***
5. ***It-Titoli IV u VI japplikaw għal debituri li huma persuni ġuridiċi.***
6. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw it-Titolu VI ta' din id-Direttiva biss għal debituri li huma impriżi kbar fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2013/34/UE.***

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "prattikant fl-insolvenza" tfisser *persuna jew korp li għandhom waħda jew aktar mill-funzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2015/848 u fl-Artikolu 2(1), il-punt (12), tad-Direttiva (UE) 2019/1023;*
 - (b) "qorti" tfisser korp ġudizzjarju ta' Stat Membru;
 - (c) " **reġistri** tal-kontijiet bankarji tfisser" **mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati, bħal reġistri ċentrali jew sistemi elettroniċi ċentrali għall-irkupru tad-data, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1640;**
 - (d) "reġistri *ċentrali* tas-sjieda benefiċjarja" tfisser reġistri ċentrali nazzjonali *li jkollhom informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u s-sistemi ta' interkonnessioni ta' dawk ir-reġistri* msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2024/1640;

- (e) *"informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji" tfisser l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva (UE) 2024/1640;*
- (f) "att legali" tfisser, *għall-finijiet tat-Titolu II, kwalunkwe mgħiba intenzjonali* tal-bniedem ■ li tipproduċi effetti legali;
- (g) "kuntratt eżekutorju" tfisser kuntratt bejn debitur u kontroparti waħda jew aktar, li skontu l-partijiet għad għandhom obbligi li jwettqu fiż-żmien tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza fil-fażi tal-likwidazzjoni skont it-Titolu IV, *bl-eċċezzjoni ta' arranġamenti ta' netting, inkluż arranġamenti ta' close-out netting, fis-swieq finanzjarji, fis-swieq tal-enerġija u fis-swieq tal-komoditajiet, fejn tali arranġamenti jkunu infurzabbli skont il-liġi nazzjonali dwar l-insolvenza, u ta' kuntratti finanzjarji;*
- (h) "test tal-aħjar interess tal-kredituri" tfisser it-test li jiġi sodisfatt jekk l-ebda kreditur ma jkun agħar taħt likwidazzjoni *fil-kuntest ta'* proċedimenti pre-pack milli tali kreditur kien ikun li kieku tiġi applikata l-klassifikazzjoni normali tal-prijoritajiet tal-likwidazzjoni f'każ ta' likwidazzjoni tal-partijiet separati *jew, meta Stati Membri jipprevedu hekk, fil-każ tal-aħjar xenarju alternattiv;*

- (i) "finanzjament interim" tfisser kwalunkwe assistenza finanzjarja ġdida, ipprovduta minn kreditur eżistenti jew ġdid, li tinkludi, bħala minimu, assistenza finanzjarja waqt il-proċedimenti pre-pack, u li hija raġonevoli u meħtieġa immedjatament għan-negozju tad-debitur, jew parti minnu, biex ikompli jopera, jew sabiex jippreserva jew itejjeb il-valur ta' dak in-negozju;
- █
- (j) "kumitat tal-kredituri" tfisser korp rappreżentattiv tal-kredituri █ stabbilit skont it-**Titolu VI**;
- (k) "proċedimenti pre-pack" tfisser **proċedimenti, inkluż fażi tal-preparazzjoni u fażi tal-likwidazzjoni, li jippermettu** l-bejgħ tan-negozju tad-debitur, kompletament jew parzjalment, bħala negozju avvjat lill-aħjar offerent **matul proċedimenti** ta' insolvenza;
- (l) **"fażi tal-preparazzjoni" tfisser il-fażi tal-proċedimenti pre-pack li għandha l-għan li jinstab xerrej xieraq għan-negozju tad-debitur jew għal parti minnu;**
- (m) **"fażi tal-likwidazzjoni" tfisser il-fażi tal-proċedimenti pre-pack li għandha l-għan li tapprova u teżegwixxi l-bejgħ tan-negozju tad-debitur jew ta' parti minnu u li tqassam ir-rikavati fost il-kredituri;**

2. ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-kunċetti ta' "insolvenza" u "diretturi" għandhom jinfteihmu kif definiti mil-liġi nazzjonali.***

Artikolu 3

Parti relatata mill-qrib mad-debitur

1. ***Għall-finijiet tat-Titolu II, partijiet relatati mill-qrib mad-debitur għandhom jinkludu:***
- (a) ***meta d-debitur ikun persuna fiżika:***
- (i) ***il-konjuġi jew is-sieħeb/sieħba tad-debitur;***
 - (ii) ***l-axxendenti, id-dixxendenti u l-aħwa tad-debitur jew dawk tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba tad-debitur, u l-konjuġi jew is-sħab ta' dawk il-persuni;***
 - (iii) ***persuni li jgħixu fl-unità domestika tad-debitur;***
 - (iv) ***persuni b'aċċess għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet tad-debitur li għandhom il-possibbiltà li jikkontrollaw l-operazzjonijiet tad-debitur, inkluż meta jaħdmu għad-debitur b'kuntratt ta' impjeg jew ikunu f'relazzjoni ta' impjeg mad-debitur;***

- (v) *entitajiet ġuridiċi li fihom id-debitur jew waħda mill-persuni msemmija fil-punti (i) sa (iv) tkun membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji; jew*
 - (vi) *entitajiet ġuridiċi li fihom id-debitur jew waħda mill-persuni msemmija fil-punti (i) sa (iv) iwettqu dmirijiet li jipprovdu aċċess għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet tad-debitur;*
 - (b) *meta d-debitur ikun entità ġuridika:*
 - (i) *kwalunkwe membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tad-debitur;*
 - (ii) *it-titolari ta' ekwità b'interess kontrollanti fid-debitur;*
 - (iii) *persuni li jwettqu funzjonijiet simili għal dawk imwettqa minn persuni skont il-punt (i);*
 - (iv) *persuni li huma relatati mill-qrib f'konformità mal-punt (a), mal-persuni elenkati fil-punti (i), (ii) u (iii) ta' dan il-punt.*
2. *Għall-finijiet tat-Titolu IV, il-partijiet relatati mill-qrib mad-debitur għandhom jinkludu l-persuni elenkati fil-paragrafu 1 u kwalunkwe persuna oħra, inkluż persuni ġuridiċi, b'aċċess preferenzjali għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet tad-debitur.*

3. Jekk parti tkunx relatata mill-qrib mad-debitur għandu jiġi ddeterminat b'referenza għal:
- (a) għall-finijiet tat-Titolu II, il-jum li fih l-att legali soġġett għal azzjoni revokatorja jkun ġie pperfezzjonat jew *perjodu ta'* tliet xhur qabel l-ipperfezzjonar tal-att legali;
 - (b) għall-finijiet tat-Titolu IV, il-jum li fih il-fażi tal-*likwidazzjoni tal-proċedimenti pre-pack* tibda jew *perjodu li jkun tal-anqas sitt* xhur qabel il-*bidu* tal-fażi tal-*likwidazzjoni*.

Il-paragrafu 1 u l-paragrafu 3, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-persuni relatati mill-qrib ma' partijiet li bbenefikaw minn att legali null, annullabbli jew mhux infurzabbli kif imsemmi fl-Artikolu 12(2), it-tieni subparagrafu.

Artikolu 4

Il-liġi nazzjonali u l-armonizzazzjoni minima

- 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(3), l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu liġijiet li jipprevedu livell ta' protezzjoni għall-korp ġenerali tal-kredituri li jkun ogħla minn dak previst taħt it-Titoli II u V.*
- 2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu liġijiet relatati mal-istabbiliment, il-funzjonament, il-kompiti u l-membri tal-komitati tal-kredituri li jipprevedu parteċipazzjoni akbar tal-kredituri fi proċedimenti ta' insolvenza minn dik prevista fit-Titolu VI.*
- 3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu liġijiet li jiffaċilitaw l-aċċess mill-prattikanti fl-insolvenza għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji miżmuma fir-reġistri tal-kontijiet bankarji tagħhom, informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja u reġistri u bażijiet tad-data nazzjonali li jkun akbar minn dak mogħti mir-regoli previsti fit-Titolu III.*

4. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li imprendituri insolventi jew persuni fiżiċi oħra li bħala detenturi ta' ekwità jkunu personalment responsabbli għad-djun ta' kumpanija b'responsabbiltà illimitata jkollhom aċċess għal ħelsien sħiħ mid-dejn f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1023 anke f'każijiet fejn ma jkun jista' jinfetħ l-ebda proċediment ta' insolvenza f'konformità mal-liġi nazzjonali fir-rigward tad-debitur għar-raġuni li d-debitur ma jkollu l-ebda assi jew l-assi tiegħu ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-kost tal-proċedimenti jew il-kostijiet relatati mal-involviment tal-prattikant fl-insolvenza.*
5. *L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu liġijiet li jstabbilixxu proċeduri ta' stralċ simplifikati għall-mikrointrapriżi.*

Artikolu 5

Protezzjoni tal-ħaddiema

Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar id-drittijiet tal-ħaddiema fir-rigward tal-kwistjonijiet regolati minn din id-Direttiva, inkluż il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar l-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u miżuri xierqa biex ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jiġu infurmati u kkonsultati, b'mod partikolari:

- (a) id-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 98/59/KE, 2001/23/KE u 2008/94/KE;*
- (b) id-dritt għal informazzjoni u konsultazzjoni f'konformità mad-Direttivi 2002/14/KE u 2009/38/KE.*

Titolu II
AZZJONIJIET REVOKATORJI

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 6

Prerekwiżiti ġenerali għall-azzjonijiet revokatorji

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atti legali li jkunu ġew ipperfezzjonati qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza għad-detriment tal-korp ġenerali tal-kredituri ***jkunu nulli, annullabbli jew mhux infurzabbli*** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu 2 .

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li att legali, li l-effetti tiegħu huma kundizzjonali fuq ir-reġistrazzjoni tiegħu f'reġistru pubbliku, jitqies li ġie pperfezzjonat hekk kif ir-rekwiżiti l-oħra kollha għall-effettività tiegħu jkunu ġew sodisfatti.

Kapitolu 2
Kundizzjonijiet speċifiċi

Artikolu 7

Preferenzi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atti legali *detrimentali* li jibbenefikaw lil kreditur jew grupp ta' kredituri b'sodisfazzjon *jew* b'kollateralizzazzjoni *jkunu nulli, annullabbli jew mhux infurzabbli* fejn ikunu ġew ipperfezzjonati:
 - (a) fi żmien tliet xhur qabel il-preżentazzjoni tat-talba *li wasslet* għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza, *jew, fin-nuqqas ta' tali talba, fit-tliet xhur qabel id-data tar-riżoluzzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza, dment* li d-debitur ma kienx kapaċi jħallas id-**█** djun tiegħu *hekk kif isiru dovuti f'konformità mal-liġi nazzjonali*; jew
 - (b) wara l-preżentazzjoni tat-talba *jew id-data tar-riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a) u qabel* il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza.
█
2. Jekk pretensjoni dovuta ta' kreditur tkun ġiet sodisfatta jew iggarantita *bħala dovuta*, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li atti legali *detrimentali jkunu nulli, annullabbli jew mhux infurzabbli mill-inqas* jekk:
 - (a) il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew sodisfatti; u

- (b) dak il-kreditur kien jaf ■ li d-debitur ġeneralment ma kienx kapaċi jħallas ■ id-djun tiegħu *hekk kif isiru dovuti f'konformità mal-liġi nazzjonali*, li talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza *kienet* ġiet ippreżentata *jew li, fin-nuqqas ta' talba, kienet saret riżoluzzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza.*

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tali għarfien għandu jiġi preżunt jekk il-kreditur kien parti relatata mill-qrib mad-debitur. *Dik il-preżunzjoni għandha tkun konfutabbli.*

3. ■ Il-paragrafi 1 u 2 *ma japplikawx għall-*atti legali li ġejjin ■ :

- (a) atti legali eżegwiti direttament fi skambju għal korrispettiv ġust għall-benefiċċju tal-*assi tad-debitur*;
- (b) ħlasijiet fuq kambjali jew ċekkijiet, meta l-liġi li tirregola l-kambjali jew iċ-ċekkijiet tipprojbixxi l-pretensjonijiet tar-riċevitur li jirriżultaw mill-kambjala jew miċ-ċekk kontra debitori oħra ta' kambjali jew ċekkijiet bħall-ġiranti, it-traent, jew it-trattarju jekk *ir-riċevitur* jirrifjuta l-pagament tad-debitur;
- (c) atti legali li mhumiex soġġetti għal azzjonijiet revokatorji f'konformità mad-Direttiva 98/26/KE u mad-Direttiva 2002/47/KE;

- (d) *meta rilevanti, f'konformità mal-liġi nazzjonali, atti legali li l-iskop tagħhom huwa li jissodisfaw jew jikkollateralizzaw il-pretensjonijiet mill-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali;*
- (e) *id-dħul f'arranġamenti ta' netting, inkluż arranġamenti ta' close-out netting, fis-swieq finanzjarji, fis-swieq tal-enerġija jew fi swieq oħra tal-komoditajiet, kif ukoll atti legali li jappoġġaw l-operat ta' tali arranġamenti.*

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont imħallas fuq il-kambjala jew iċ-ċekk ■ jiġi rritornat mill-aħħar girant jew, jekk dan tal-aħħar ikun approva l-kambjala f'isem parti terza, minn tali parti, jekk l-aħħar girant jew il-parti terza kienu jafu ■ li d-debitur ma kienx kapaċi jħallas id-djun ■ tiegħu **kif kienu dovuti f'konformità mal-liġi nazzjonali** jew li **kienet** għet ippreżentata talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza fil-mument li approva l-kambjala jew li ra li tiġi approvata f'ismu. **Tali** għarfien **għandu jkun** preżunt jekk l-aħħar girant jew il-parti terza kienet parti relatata mill-qrib mad-debitur. **Dik il-preżunzjoni għandha tkun konfutabbli.**

Artikolu 8

Atti legali bi skambju għal ebda kunsiderazzjoni *jew* kunsiderazzjoni manifestament inadegwata

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-atti legali tad-debitur jitwettqu bi skambju għal ebda kunsiderazzjoni *jew* kunsiderazzjoni manifestament inadegwata, dawk l-atti legali *jkunu nulli, annullabbli jew mhux infurzabbli* meta jkunu ġew ipperfezzjonati:
 - (a) fi żmien **■** it-12-il xahar qabel is-sottomissjoni tat-talba *li wasslet għall-ftuħ* ta' proċedimenti ta' insolvenza *jew, fin-nuqqas ta' tali talba, fi żmien it-12-il xahar qabel id-data tar-riżoluzzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza*; jew
 - (b) wara l-preżentazzjoni tat-talba *jew id-data tar-riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a) u qabel il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza*.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal rigali u donazzjonijiet ta' valur simboliku.

Artikolu 9

Atti legali li huma intenzjonalment ta' detriment għall-kredituri

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atti legali li bihom id-debitur ikun ikkawża intenzjonalment detriment għall-korp ġenerali tal-kredituri ***jkunu nulli, annullabbli jew mhux infurzabbli*** meta jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) dawk l-atti ġew ipperfezzjonati jew fi żmien ***sentejn*** qabel il-preżentazzjoni tat-talba ***li wasslet għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza jew, fin-nuqqas ta' tali talba, fi żmien is-sentejn qabel id-data tar-riżoluzzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza***, jew wara d-data tal-preżentazzjoni ta' tali talba jew id-data ta' tali riżoluzzjoni ***u qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza***;
- (b) il-parti l-oħra għall-att legali kienet taf ■ bl-intenzjoni tad-debitur li jikkawża ■ detriment għall-korp ġenerali tal-kredituri. ■

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), tali għarfien għandu jiġi preżunt jekk il-parti l-oħra għall-att legali kienet parti relatata mill-qrib mad-debitur. ***Dik il-preżunzjoni għandha tkun konfutabbli.***

■

Kapitolu 3

Konsegwenzi ta' azzjonijiet revokatorji

Artikolu 10

Konsegwenzi ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pretensjonijiet, id-drittijiet jew l-obbligi li jirriżultaw minn atti legali **li jkunu nulli jew mhux infurzabbli jew** ikunu **għew annullati** skont il-Kapitolu 2 **ma jistgħux** jiġu invokati biex jinkiseb sodisfazzjon mill-patrimonju tal-insolvenza kkonċernat.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parti li bbenefikat mill-att legali null, annullat jew mhux infurzabbli tkun obligata **tirritorna l-benefiċċji attwali nnifishom jew tħallas l-ekwivalenti tagħhom fi flus.**

Il-fatt li l-arrikkiment li jirriżulta mill-att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli** ma jkunx għadu disponibbli fil-proprjetà tal-parti li bbenefikat minn dak l-att legali jista' jiġi invokat biss jekk dik il-parti ma **kinitx** taf biċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-azzjoni revokatorja.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodu ta' preskrizzjoni għall-pretensjonijiet kollha li jirriżultaw mill-att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli** kontra l-parti l-oħra **ma jkunx itwal minn** tliet snin mid-data tal-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza. **L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-perjodu ta' preskrizzjoni jiġi kkalkulat mid-data li fiha l-prattikant fl-insolvenza jkun sar jaf bil-fatti li wasslu għall-pretensjoni kontra l-parti l-oħra.**
Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li jirregola s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li pretensjoni **għar-ritorn tal-benefiċċji attwali nnifishom jew għall-ħlas tal-ekwivalenti monetarju tagħhom** skont il-paragrafu 2 **tista'** tiġi ċeduta lil kreditur jew lil parti terza.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parti li tkun obbligata **tirritorna l-benefiċċji attwali nnifishom jew tħallas l-ekwivalenti monetarju tagħhom** skont il-paragrafu 2 ma tkunx **tista' tpaċi dak** l-obbligu kontra kwalunkwe pretensjoni **li inkella kien ikollha tinvoka fil-proċedimenti** ta' insolvenza.
6. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet miġjuba taħt id-dritt ċivili u dak kummerċjali għall-kumpens għad-danni mġarrba mill-kredituri bħala riżultat ta' att legali li **jkun null, annullabbli jew mhux infurzabbli.**

Artikolu 11

Konsegwenzi għall-parti **li** bbenefikat minn att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli**

1. Meta u sal-punt li l-parti **li** tkun ibbenefikat mill-att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli tirritorna l-benefiċċji attwali nnifishom jew tħallas l-ekwivalenti monetarju tagħhom f'konformità mal-Artikolu 10**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe pretensjoni ta' dik il-parti li kienet sodisfatta permezz ta' dak l-att legali terġa' titqajjem **f'konformità mal-liġi nazzjonali**.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe korrispettiv tal-kuntratt li ■ tkun twettqet mill-parti li bbenefikat mill-att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli** wara l-eżekuzzjoni tad-debitur skont dak l-att legali, jew fi skambju fl-istess waqt, tiġi rimborżata mill-patrimonju tal-insolvenza sal-punt li l-benefiċċji li ngħataw bħala l-eżekuzzjoni korrispettiva jibqgħu disponibbli fil-patrimonju f'forma li tista' tiġi distinta mill-bqija tal-patrimonju tal-insolvenza jew sal-punt li l-patrimonju tal-insolvenza għadu arrikkit mill-valur tal-eżekuzzjoni korrispettiva.
Fil-każijiet li ma humiex koperti mill-ewwel subparagrafu, il-parti li bbenefikat mill-att legali **null, annullabbli jew mhux infurzabbli** ■ tista' tippreżenta pretensjoni għall-kumpens tal-eżekuzzjoni korrispettiva. ■

Artikolu 12

Responsabbiltà ta' partijiet terzi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-Artikoli 10 u 11 jkunu applikabbli għal kwalunkwe*** werriet jew suċċessur universali ieħor tal-parti ***li*** bbenefikat mill-att legali ***null, annullabbli jew mhux infurzabbli.***
Il-portata tar-responsabbiltà tal-werrieta għandu jkun irregolat mil-liġi nazzjonali.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **■** l-Artikolu 10 ***jkun applikabbli għal*** kwalunkwe suċċessur individwali tal-parti l-oħra għall-att legali li huwa ***null, annullabbli jew mhux infurzabbli*** jekk **■** is-suċċessur kien jaf **■** iċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-azzjoni revokatorja. **■**
L-għarfien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi preżunt jekk is-suċċessur individwali jkun parti relatata mill-qrib mal-parti li bbenefikat mill-att legali ***null, annullabbli jew mhux infurzabbli. Dik il-preżunzjoni għandha tkun konfutabbli.***

Artikolu 13

Relazzjoni ma' strumenti oħra

■ Dan it-Titolu huwa mingħajr preġudizzju għad-*Direttivi 98/26/KE, 2002/47/KE* u (UE) 2019/1023.

Meta, matul proċedimenti ta' ristrutturar preventiv skont id-Direttiva (UE) 2019/1023, id-debitur ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti u l-benefiċċju ta' sospensjoni jinżamm fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 7(3) ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, fir-rigward tal-atti legali mwettqa matul is-sospensjoni, l-għarfien ta' parti li d-debitur ġeneralment ma kienx kapaċi jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti f'konformità mal-liġi nazzjonali ma jwassalx għal azzjonijiet revokatorji skont l-Artikolu 7(2) ta' din id-Direttiva.

Titolu III

TRAĊĊAR TA' ASSI LI JAPPARTJENU GĦALL-PATRIMONJU TAL-INSOLVENZA

Kapitolu 1

Aċċess mill-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi maħtura għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji

Artikolu 14

Qrati u awtoritajiet amministrattivi maħtura

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar il-qrati *jew l-awtoritajiet amministrattivi li huma awtorizzati* jaċċessaw u jfittxu fir-*reġistri* nazzjonali tal-kontijiet bankarji tiegħu *u l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi li huma awtorizzati jaċċessaw u jfittxu informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tiegħu fuq bażi transfruntiera f'konformità* mal-Artikolu 15(2) ("qrati *jew awtoritajiet amministrattivi* maħtura").
2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-qrati *jew l-awtoritajiet amministrattivi* maħtura tiegħu sa ... [36 xahar *mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe *bidla* fihom *mingħajr dewmien bla bżonn*. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawn in-notifiki f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq il-*Portal* Ewropew tal-*Ġustizzja Elettronika*.

Artikolu 15

Aċċess għal u t-tiftix ta' informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji mill-qrati ***u l-awtoritajiet amministrattivi*** maħtura

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **l**-qrati jew ***l-awtoritajiet amministrattivi*** maħtura jkollhom is-setgħa li jaċċessaw u jfittxu, direttament u immedjatament, informazzjoni **l** dwar il-kontijiet bankarji meta ***jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:***
 - (a) ***il-prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti ta' insolvenza li jkunu għaddejjin, inkluż proċedimenti interim, jitlob informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji; u***
 - (b) ***l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tkun meħtieġa għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza fil-proċedimenti kif imsemmi fil-punt (a), kif ukoll l-assi soġġetti għal azzjonijiet revokatorji.***
2. ***Meta jiffaċilitaw l-aċċess transfruntier***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li **l**-qrati jew ***l-awtoritajiet amministrattivi*** maħtura jkollhom is-setgħa li jaċċessaw u jfittxu, direttament u immedjatament, informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra disponibbli permezz tas-***sistema ta' interkonnnessjoni*** tar-reġistri tal-kontijiet bankarji msemmija fl-Artikolu ***16(6)*** tad-Direttiva (UE) ***2024/1640 (BARIS)*** meta ***jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:***

- (a) *il-prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti ta' insolvenza li jkunu għaddejnin, inkluż proċedimenti interim, jiġtlob informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra; u*
- (b) *l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tkun meħtieġa għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur fil-proċedimenti kif imsemmi fil-punt (a), kif ukoll l-assi soġġetti għal azzjonijiet revokatorji.*
3. *Informazzjoni lil hinn minn dik imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu li l-Istati Membri jqisu essenzjali u li jinkludu ■ fir-reġistri tal-kontijiet bankarji skont l-Artikolu 16(5) tad-Direttiva (UE) 2024/1640 ma għandhiex tkun aċċessibbli u ma għandux ikun jista' jsir tiftix fiha mill-qrati jew mill-awtoritajiet amministrattivi maħtura.*
4. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi maħtura jew qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunux ġew sodisfatti. Meta daww il-kundizzjonijiet ikunu ġew sodisfatti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi maħtura jittrażmettu l-informazzjoni rilevanti dwar il-kontijiet bankarji miksuba permezz tal-aċċess u t-tfittxija tal-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji skont il-paragrafi 1 u 2 lill-prattikant fl-insolvenza li jkun talabha.*

5. *L-aċċess u t-tfittxijiet skont il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali nazzjonali u r-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji miksuba skont il-paragrafi 1 u 2 tiġi pproċessata biss għall-finijiet li għalihom tkun inkisbet, inkluż meta tiġi pproċessata minn prattikanti fl-insolvenza.*
6. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-prattikanti fl-insolvenza jipproċessaw informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji miksuba skont il-paragrafi 1 u 2, dawn ikollhom fis-seħħ proċeduri interni rilevanti għall-ġestjoni xierqa ta' informazzjoni kunfidenzjali.*
7. Għall-*finijiet* tal-paragrafi 1 u 2, l-aċċess *għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji*, u t-tiftix tagħha, għandhom jitqiesu bħala diretti u immedjati, fost l-oħrajn, meta l-awtoritajiet nazzjonali li joperaw **ir-reġistri** tal-kontijiet bankarji jibgħatu b'mod rapidu l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji permezz ta' mekkaniżmu awtomatizzat lill-qrati *jew lill-awtoritajiet amministrattivi* maħtura, dment li l-ebda istituzzjoni intermedjarja ma tkun tista' tinterferixxi fir-rigward tad-data mitluba jew l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta.

Artikolu 16

Kundizzjonijiet għall-aċċess *għal*, u **■** t-tiftix *ta'*, *informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji* mill-qrati *u l-awtoritajiet amministrattivi* maħtura

1. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li** l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tiġi aċċessata u mfittxija f'konformità mal-Artikolu 15 biss fuq bażi ta' każ b'każ mill-persunal ta' kull qorti *jew awtorità amministrattiva* maħtura **li tkun ġiet** maħtura u awtorizzata speċifikament biex twettaq dawk il-kompiti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
 - (a) il-persunal **imsemmi fil-paragrafu 1** iżomm standards professjonali għoljin ta' kunfidenzjalità u ta' protezzjoni tad-data, **u** jkun ta' integrità kbira u **■** b'ħiliet xierqa;
 - (b) ikun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-data skont standards teknoloġiċi għoljin għall-finijiet tal-eżerċizzju mill-qrati **u l-awtoritajiet amministrattivi** maħtura tas-setgħa li jaċċessaw u jfittxu informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji, f'konformità mal-Artikolu 15.

Artikolu 17

Monitoraġġ tal-aċċess *għal*, u t-tiftix ta', *informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji* mill-qrati *u l-awtoritajiet amministrattivi* maħtura

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet li joperaw **■** *ir-reġistri* tal-kontijiet bankarji jiżguraw li jinżammu reġistrazzjonijiet ta' kull darba li qorti *jew awtorità amministrattiva* maħtura taċċessa u tfittex informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji. Ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:
 - (a) in-numru ta' referenza tal-każ;
 - (b) id-data u l-ħin tad-domanda jew tat-tfittxija;
 - (c) it-tip ta' data użata biex issir id-domanda jew it-tfittxija;
 - (d) l-identifikatur uniku tar-riżultati;
 - (e) l-isem tal-qorti *jew tal-awtorità amministrattiva maħtura li taċċessa r-reġistru jew tfittex fih*;
 - (f) l-identifikatur uniku tal-utent tal-membru tal-persunal tal-qorti *jew tal-awtorità amministrattiva* maħtura li ordna t-tfittxija **■** u, fejn applikabbli, tal-imħallef *jew tal-uffiċjal* li ordna d-domanda jew it-tfittxija u, *fejn disponibbli*, **■** tal-*prattikant fl-insolvenza rikjedenti*.

2. L-awtoritajiet li joperaw **ir-reġistri** tal-kontijiet bankarji għandhom jivverifikaw ir-reġistrazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 b'mod regolari.
3. Ir-reġistrazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintużaw biss **għall-monitoraġġ** tal-konformità ta' din id-Direttiva u **mal-liġi** applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru ħames snin wara li jinħolqu, sakemm ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ li diġà għaddejjin.

Kapitolu 2

Aċċess mill-prattikanti fl-insolvenza għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja

Artikolu 18

Aċċess mill-prattikant fl-insolvenza għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi rilevanti għall-proċedimenti ta' insolvenza li għalihom jinħatru, il-prattikanti fl-insolvenza jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni li ġejja dwar is-sidien benefiċjarji ta' entitajiet ġuridiċi u ta' arranġamenti ġuridiċi* miżmuma f'reġistri *ċentrali* tas-sjieda benefiċjarja *interkonnessi, u li tali aċċess jiġi pprovdut mingħajr ma jsir allert lill-entità, lill-arranġament jew lis-sid benefiċjarju kkonċernat:*

(a) *isem is-sid benefiċjarju;*

- (b) *ix-xahar u s-sena tat-twelid tas-sid benefiċjarju;*
- (c) *il-pajjiż ta' residenza u n-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet tas-sid benefiċjarju;*
- (d) *għas-sidien benefiċjarji ta' entitajiet ġuridiċi, in-natura u l-firxa tal-interess benefiċjarju miżmum;*
- (e) *għas-sidien benefiċjarji ta' trusts espress jew arranġamenti ġuridiċi simili, in-natura tas-sjieda benefiċjarja tagħhom.*

Kapitolu 3

Aċċess mill-prattikanti fl-insolvenza għal reġistri ■ u bażijiet ta' data nazzjonali

Artikolu 19

Aċċess mill-prattikanti fl-insolvenza għal reġistri ■ u bażijiet ta' data nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prattikanti fl-insolvenza, irrISPETTIVAMENT mill-Istat Membru *li fih* ikunu nħatru, ikollhom aċċess dirett u rapidu għall-**informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi li jappartjenu għall-patrimonju tal-insolvenza, kif ukoll tal-assi soġġetti għal azzjonijiet revokatorji, li jinżammu f'reġistri u bażijiet ta' data nazzjonali eżistenti kif elenkati fl-Anness, f'konformità mal-kundizzjonijiet previsti mil-liġi nazzjonali.**

2. Fir-rigward tal-aċċess għar-reġistri **u l-bażijiet ta' data** nazzjonali elenkati fl-Anness, **kull** Stat Membru għandu jiżgura li l-prattikanti fl-insolvenza maħtura fi Stati Membri oħra ma jkunux soġġetti għal kundizzjonijiet ta' aċċess **sostantivi** li jkunu *de jure* jew *de facto* inqas favorevoli minn **dawk applikabbli** lill-prattikanti fl-insolvenza maħtura f'dak l-Istat Membru.
3. **L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-reġistri u l-bażijiet ta' data nazzjonali eżistenti kif elenkati fl-Anness sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe bidla fihom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri skont l-ewwel subparagrafu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.**

Kapitolu 4

Aċċess għall-qrati mill-prattikanti fl-insolvenza ta' Stat Membru ieħor

Artikolu 20

Aċċess għall-qrati mill-prattikanti fl-insolvenza ta' Stat Membru ieħor

Fir-rigward tad-dritt li jinbdew proċedimenti jew li wieħed jidher quddiem il-qrati jew l-awtoritajiet biex jintalbu assi f'isem patrimonju tal-insolvenza, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-prattikanti fl-insolvenza maħtura fi Stat Membru ieħor ma jkunux soġġetti għal kundizzjonijiet li huma inqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-prattikanti fl-insolvenza maħtura f'dak l-Istat Membru.

Titolu IV
PROĊEDIMENTI PRE-PACK

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 21

Proċedimenti pre-pack

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedimenti pre-pack *ikunu disponibbli mill-inqas għad-debituri li x'aktarx isiru insolventi f'konformità mal-liġi nazzjonali.*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-fażi tal-preparazzjoni ma tkunx tista' tibda meta d-debitur ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti f'konformità mal-liġi nazzjonali.
2. *Il-proċedimenti pre-pack jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, ikunu proċedimenti separati jew parti mill-proċedimenti ta' insolvenza eżistenti.*
3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-debituri li jidħlu fi proċedimenti pre-pack jibqgħu totalment, jew mill-inqas parzjalment, fil-kontroll tal-assi u l-operat ta' kuljum tan-negozju tagħhom matul il-fażi tal-preparazzjoni.*

4. *Il-liġi nazzjonali japplika għal kwistjonijiet mhux regolati minn dan it-Titolu [] , inkluż il-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet, id-distribuzzjoni tar-rikavati, l-obbligi u r-responsabbiltà tad-debitur u tad-diretturi tad-debitur, ir-remunerazzjoni tal-prattikant fl-insolvenza u n-natura, l-ambitu u l-forma tal-parteċipazzjoni tal-kredituri, ħliet, fejn applikabbli, fir-rigward tal-approvazzjoni tal-bejgħ.*

Artikolu 22

Relazzjoni ma' atti legali oħra tal-Unjoni

1. Il-fażi tal-likwidazzjoni [] għandha *titwettaq permezz ta' proċedimenti ta' insolvenza għajr il-proċeduri ta' ristrutturar preventiv.*
- Fl-Istati Membri fejn japplika r-Regolament (UE) 2015/848, il-fażi tal-likwidazzjoni għandha titwettaq permezz ta' proċedimenti ta' insolvenza kif stipulat fl-Anness A tar-Regolament (UE) 2015/848 għajr il-proċedimenti ta' ristrutturar preventiv.*

2. ***Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2001/23/KE u r-regoli nazzjonali li jimplimentawha.***

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23/KE, meta ssir fi proċedimenti li jistgħu jispiċċaw fil-likwidazzjoni tad-debitur, il-fażi tal-likwidazzjoni għandha titqies bħala proċedimenti ta' falliment jew kwalunkwe proċedimenti ta' insolvenza analogi mibdija bil-fini tal-likwidazzjoni tal-assi ta' min qed jagħmel it-trasferiment taħt is-superviżjoni ta' awtorità pubblika kompetenti.

Kapitolu 2

Fażi tal-preparazzjoni

Artikolu 23

Ħatra tas-sorveljatur

1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li, fuq l-inizjattiva ta' debitur, il-fażi tal-preparazzjoni tibda meta jinħatar sorveljatur. Il-proċedura għall-ħatra tas-sorveljatur għandha tiġi stabbilita mil-liġi nazzjonali.***

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljatur ikun indipendenti mid-debitur u minn kwalunkwe parti relatata mill-qrib mad-debitur. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu rekwiżiti addizzjonali rigward l-indipendenza tas-sorveljatur mit-titolari tal-ekwià jew mill-kredituri.*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu biss ■ il-persuni li ■ jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà applikabbli għall-prattikanti fl-insolvenza fl-Istat Membru meta **jseħħu** l-proċedimenti pre-pack **li jistgħu jinħatru bħala sorveljatur.**

Artikolu 24

Prinċipji applikabbli għall-fażi tal-preparazzjoni

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess tal-bejgħ imwettaq matul il-fażi tal-preparazzjoni jkun kompetittiv, trasparenti u ġust u jissodisfa l-istandards tas-suq.*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljatur, **jekk meħtieġ bl-assistenza tad-debitur:**
 - (a) jiġġustifika għaliex iqis li r-**rekwiżiti skont il-paragrafu 1 huma sodisfatti;**
 - (b) jirrakkomanda l-aħjar offerent bħala l-akkwirent pre-pack tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, f'konformità mal-Artikolu 33;
 - (c) jipprovdi dikjarazzjoni ■ li, **abbażi tal-valutazzjoni tiegħu,** l-aħjar offerta ma tikkostitwixxix ■ ksur tat-test tal-aħjar interess tal-kredituri.

■

Is-sorveljatur għandu jiddokumenta u jirrapporta bil-miktub kull pass tal-proċess ta' bejgħ. Dawk id-dokumenti u r-rapporti għandhom ikunu disponibbli f'format diġitali u fil-ħin. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljatur ikun soġġett għall-istess rekwiżiti ta' kunfidenzjalità bħal prattikant fl-insolvenza.

3. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li jsir irkant pubbliku f'konformità mal-Artikolu 29(3) sabiex tiġi żgurata r-realizzazzjoni ta' prezz ġust tas-suq. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li tali rkant pubbliku jitwettaq, b'mod partikolari, f'sitwazzjonijiet fejn kreditur wieħed jew aktar juru li hemm dubju raġonevoli dwar jekk l-aħjar offerta rakkomandata mis-sorveljatur tirriflettix il-prezz ġust tas-suq. Fejn jitwettaq tali rkant pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-obbligi stipulati fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 2, il-punt (a), ma japplikawx għas-sorveljatur.*
4. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, meta r-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), tkun approvata mill-kredituri f'konformità mal-liġi nazzjonali, il-paragrafu 1 u l-paragrafu 2, il-punt (a), ma japplikawx.*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
- (a) ***jekk*** ma tirriżulta l-ebda fażi tal-likwidazzjoni sussegwenti, ***is-sorveljatur jiġi remunerat mid-debitur***;
 - (b) ***jekk*** tirriżulta fażi tal-likwidazzjoni, ***ir-renumerazzjoni tas-sorveljatur tiġġarrab mill-patrimonju tal-insolvenza***.

Artikolu 25

Sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, matul il-fażi tal-preparazzjoni, meta d-debitur ikun f'sitwazzjoni ta' probabbiltà ta' insolvenza jew ikun insolventi f'konformità ***mal-liġi*** nazzjonali, id-debitur ikun jista' jibbenefika minn sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali f'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva (UE) 2019/1023, ***jew fil-fażi tal-preparazzjoni jew fil-kuntest ta' tip ieħor ta' proċedimenti ta' insolvenza li fihom id-debitur jibqa' totalment, jew tal-inqas parzjalment, fil-kontroll tal-assi tiegħu u tal-operat ta' kuljum tan-negozju tiegħu u li fihom il-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, bħala negozju avvjat jista' jitkompla u jiġi konkluż***.

Artikolu 26

Sospensjoni tal-ftuħ tal-fażi tal-likwidazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li meta kreditur jippreżenta ruħu għal insolvenza matul il-fażi tal-preparazzjoni, il-ftuħ tal-fażi tal-likwidazzjoni jista' jiġi sospiż fejn, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi tal-każ, ma jkunx fl-interess ġenerali tal-kredituri li tinfetaħ il-fażi tal-likwidazzjoni.

Artikolu 27

Terminazzjoni tal-fażi tal-preparazzjoni

- 1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-fażi tal-preparazzjoni tkun limitata fiż-żmien.*
- 2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-fażi tal-preparazzjoni tista' tiġi tterminata fejn:*
 - (a) id-debitur jonqos milli jipprovidi l-assistenza meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 24(2);*
 - (b) id-debitur jonqos milli jaġixxi bid-diliġenza dovuta matul il-fażi tal-preparazzjoni; jew*
 - (c) il-fażi tal-preparazzjoni ma jkollhiex prospetti raġonevoli ta' suċċess.*

Kapitolu 3
Fażi tal-likwidazzjoni

Artikolu 28

Fażi tal-likwidazzjoni

█ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fażi tal-likwidazzjoni *tibda meta tittieħed deċiżjoni dwar il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza* msemmija fl-Artikolu 22(1) *f'konformità mal-liġi nazzjonali*.

Artikolu 29

Prinċipji applikabbli għall-fażi tal-likwidazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tinfetaħ il-fażi tal-likwidazzjoni, il-qorti *jew l-awtorità kompetenti* tawtorizza l-bejgħ tan-negozju tad-debitur jew ta' parti minnu, *mill-inqas f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
 - (a) *l-akkwiredent ikun propost mis-sorveljatur, dment li s-sorveljatur ikun ħareġ opinjoni li tikkonferma li l-proċess ta' bejgħ li seħħ matul il-fażi tal-preparazzjoni kkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24(1) u l-qorti jew l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li r-rekwiżiti tal-Artikolu 24 (1) u (2) ġew osservati;*
 - (b) *l-akkwiredent jintgħażel f'irkant pubbliku, fejn l-Istati Membri jipprevedu tali rkant f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu; jew*

- (c) *il-bejgħ lill-akkwirent ikun approvat mill-kredituri kif imsemmi fl-Artikolu 24(4).*
2. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-bejgħ tan-negozju tad-debitur jew ta' parti minnu skont il-paragrafu 1, il-punt (c), ikun approvat mill-kredituri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti fejn, skont il-liġi nazzjonali, il-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, jkun jeħtieġ il-kunsens tal-kredituri.*
3. **■** L-irkant pubbliku msemmi fl-*Artikolu 24(3)* ma għandux idum aktar minn *tliet xhur*. L-offerta magħżula mis-sorveljatur għandha tintuża bħala l-offerta inizjali fl-irkant pubbliku.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protezzjonijiet mogħtija lill-offerent inizjali fil-fażi tal-preparazzjoni **■** jkunu adegwati u proporzjonati **■** .
4. *L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-qorti jew l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddeċiedi li titwettaq valwazzjoni tan-negozju tad-debitur bħala negozju avvjat għar-raġuni li l-aħjar offerta tista' ma tissodisfax it-test tal-aħjar interess tal-kredituri.*

Fejn, skont il-liġi nazzjonali, il-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, jeħtieġ il-kunsens tal-kredituri, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun tista' tittieħed mill-kredituri mingħajr l-involviment tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti.

Artikolu 30

Ċessjoni jew terminazzjoni ta' kuntratti eżekutorji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir ċessjoni lill-akkwiredent tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, tal-kuntratti eżekutorji li huma meħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' **dak** in-negozju u li s-sospensjoni tagħhom twassal għal waqfien tan-negozju. Iċ-ċessjoni ma għandhiex teħtieġ il-kunsens tal-kontroparti jew il-kontropartijiet tad-debitur. L-ewwel sub**paragrafu** ma għandux japplika fejn l-akkwiredent tan-negozju tad-debitur, jew ta' parti minnu, ikun kompetitur tal-kontroparti jew tal-kontropartijiet tad-debitur.
2. ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kunsens tal-kontroparti jew tal-kontropartijiet tad-debitur ikun meħtieġ skont it-tip ta' kuntratt, in-natura tal-partijiet jew l-interessi tan-negozju.***

3. *Mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra ta' terminazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kontroparti jew il-kontropartijiet jistgħu jidterminaw kuntratti eżekutorji ċeduti skont il-paragrafu 1 soġġett għal perjodu ta' notifika ta' mhux inqas minn tliet xhur miċ-ċessjoni, minħabba li ċ-ċessjoni tal-kuntratt tkun tippreġudika b'mod inġust lill-kontroparti jew lill-kontropartijiet.*
4. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li kuntratti eżekutorji relatati ma' liċenzji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali u industrijali, li d-debitur ikun il-liċenzjatur tagħhom, ma jidgħajru itterminati mingħajr il-kunsens tad-detentur tal-liċenzja.*

Artikolu 31

Djun u obbligazzjonijiet tan-negozju miksub permezz tal-proċedimenti pre-pack

- 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 u l-Artikolu 38(1) u (2), kif ukoll għall-obbligi li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjeg, affetwati mill-bejgħ ta' negozju, jew ta' parti minnu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-akkwiredent jakkwista n-negozju tad-debitur, jew parti minnu, ħieles minn djun u obbligi, għajr jekk l-akkwiredent jagħti kunsens espliċitu li jġarrab id-djun u l-obbligazzjonijiet tan-negozju jew ta' parti minnu.**
- 2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali li jipprevedu li l-imġiba tad-debitur tittqies fil-valutazzjoni tar-responsabbiltà tal-akkwiredent għad-danni, jekk dik l-imġiba tkun tista' tiġi imputata lill-akkwiredent skont il-liġi applikabbli.**

Artikolu 32

■ Effett sospensiv tal-appelli

L-Istati Membri *jistgħu jipprevedu li, fejn il-liġi nazzjonali jipprevedi* appelli *kontra* deċiżjonijiet tal-qorti *jew tal-awtoritajiet kompetenti* dwar l-awtorizzazzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-bejgħ tan-negozju tad-debitur, jew ta' *parti* minnu, *tali appelli ma* jkollhomx effett sospensiv *għajr jekk jittieħdu miżuri* adegwati biex jiġi kopert kwalunkwe dannu li jista' jiġi kkawżat minn sospensjoni *mhux ġustifikata* tal-eżekuzzjoni tal-bejgħ, *bħar-rekwiżit li tiġi pprovduta sigurtà mill-appellant jew li l-appellant ikun responsabbli għal tali dannu.*

Kapitolu 4

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 33

Kriterji għall-għażla tal-aħjar offerta

L-Istati Membri għandhom *jistabilixxu* l-kriterji **għall-għażla** tal-aħjar offerta fil-proċedimenti pre-pack. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li daww il-kriterji* jkunu l-istess bħall-kriterji **għall-għażla** fost offerti li jikkompetu fi proċedimenti ta' *insolvenza*.

L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-preservazzjoni tal-impjeg fil-kriterji msemmija fl-ewwel paragrafu.

Artikolu 34

Responsabbiltà ċivili tas-sorveljaturi u l-prattikanti fl-insolvenza

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljaturi u l-prattikanti fl-insolvenza jkunu responsabbli għad-danni *kkawżati lill-kredituri minħabba* n-nuqqas *intenzjonat jew negliġenti* tagħhom li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan it-Titolu .

Artikolu 35

Partijiet relatati mill-qrib mad-debitur fil-proċess tal-bejgħ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet relatati mill-qrib mad-debitur ikunu eliġibbli li jakkwistaw in-negozju tad-debitur jew parti minnu, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) *il-partijiet relatati mill-qrib mad-debitur, fl-offerta tagħhom*, jiddivulgaw lis-sorveljatur ir-relazzjoni tagħhom mad-debitur;
 - (b) il-partijiet oħra *għajr dawk imsemmija fil-punt (a)* jirċievu informazzjoni adegwata dwar l-eżistenza ta' partijiet relatati mill-qrib mad-debitur u r-relazzjoni tagħhom mad-debitur;
 - (c) *fil-każ previst fl-Artikolu 29(1), il-punt (a), titwettaq valwazzjoni tan-negozju bħala negozju avvjat għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tas-sorveljatur imsemmija fl-Artikolu 24(2), il-punt (c)*;
 - (d) il-partijiet li mhumiex relatati mill-qrib mad-debitur jingħataw biżżejjed żmien biex jippreżentaw offerta.

L-Istati Membri *għandhom* jipprevedu li, meta jkun hemm *prova li parti relatata mill-qrib mad-debitur tkun naqset milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati* fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) il-qorti *jew l-awtorità kompetenti tista' tirrevoka* l-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 31(1).

2. Meta l-offerta magħmula minn parti relatata mill-qrib mad-debitur *titqies bħala l-aħjar* offerta, l-Istati Membri *jistgħu* jintroduċu salvagwardji addizzjonali għall-awtorizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-bejgħ tan-negozju tad-debitur jew ta' parti minnu. ■

Artikolu 36

Finanzjament interim

1. Fejn ikun meħtieġ finanzjament interim, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
- (a) *il-finanzjament interim ma jiġix iddikjarat null, annullabbli jew mhux infurzabbli;*
u
 - (b) *il-konċedenti tal-finanzjament interim ma jġarrbux responsabbiltà ċivili, amministrattiva jew kriminali għar-raġuni li tali finanzjament huwa ta' detriment għall-korp ġenerali tal-kredituri, għajr jekk il-liġi nazzjonali jipprevedi raġunijiet oħra għal tali responsabbiltà.*
2. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-konċedenti ta' finanzjament ġdid jew interim ikunu intitolati għad-dritt li jirċievu ħlas bi prijorità fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza sussegwenti b'rabta ma' kredituri oħrajn li inkella kien ikollhom pretensjonijiet superjuri jew ugwali.*

3. *Soġġett għall-klassifikazzjoni ta' prijorità tal-pretensjonijiet li jirriżultaw matul il-proċedimenti ta' insolvenza, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li:*
- (a) *il-konċedenti ta' finanzjament interim jistgħu jingħataw interessi ta' garanzija fuq ir-rikavat mill-bejgħ sabiex jiġi żgurat ir-rimborż; u*
 - (b) *il-finanzjament interim ikun eliġibbli li jiġi paċut bil-prezz li għandu jiġi żborżat taħt l-offerta aġġudikata, meta jiġi pprovdut minn offerenti interessati.*
4. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-paragrafu 1 japplika biss għal finanzjament interim li kien soġġett għal kontroll ex ante.*

Artikolu 37

Drittijiet ta' prelazzjoni u offerti ta' kreditu

1. *Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jingħata l-ebda dritt ta' prelazzjoni lill-offerenti. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-drittijiet ta' prelazzjoni statutorji li ma jkunux affettwati mill-insolvenza tad-debitur jinżammu u jkunu infurzabbli.*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-interessi ta' garanzija jxekklu n-negozju li jkun is-soġġett tal-proċedimenti pre-pack, il-kredituri li jkunu l-benefiċjarji ta' dawk l-interessi ta' garanzija jistgħu jpaċu l-pretensjonijiet tagħhom ***bil-prezz tax-xiri biss sa ammont li ma jaqbiżx il-valur tas-suq tan-negozju.***

Artikolu 38

Protezzjoni tal-interessi tal-kredituri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interessi ta' garanzija ***jew aggravji oħra*** jiġu rilaxxati ***matul il-proċedimenti pre-pack*** f'konformità mal-istess rekwiżiti li japplikaw fil-proċedimenti ta' ***insolvenza skont il-liġi nazzjonali.***
2. L-Istati Membri ***li l-liġi tagħhom tagħmel*** ir-rilaxx ta' interessi ta' garanzija ***kundizzjonali fuq il-kunsens tad-detenturi ta' pretensjonijiet garantiti fi proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jipprevedu li*** tali kunsens ***mhuwiex meħtieġ matul il-proċedimenti pre-pack.***

Artikolu 39

Impatt tal-proċeduri tal-liġi tal-kompetizzjoni fuq iż-żmien jew l-eżitu b'suċċess tal-offerta

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun hemm riskju apprezzabbli ta' dewmien li jirriżulta minn proċedura tal-liġi tal-kompetizzjoni jew ta' deċiżjoni negattiva minn awtorità tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' offerta ppreżentata matul il-fażi tal-preparazzjoni, is-sorveljatur ***jew id-debitur jieħu l-passi xierqa biex jiġu ppreżentati*** offerti alternattivi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljatur ikun jista' jirċievi informazzjoni dwar il-proċeduri applikabbli tal-liġi tal-kompetizzjoni u dwar l-eżitu ta' dawk il-proċeduri li jistgħu jaffettwaw iż-żmien jew l-eżitu b'suċċess tal-offerta, ***dment li*** d-divulgazzjoni ta' informazzjoni ■ ***mill-awtorità tal-kompetizzjoni ma tkunx kontra r-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali***. F'dak ir-rigward, is-sorveljatur għandu jkun soġġett għal dmir ta' ■ ***kunfidenzjalità f'konformità mal-liġi nazzjonali***.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li offerta tista' ma jingħatax każ tagħha, fejn tkun tinvolvi riskju sinifikanti ta' dewmien kif imsemmi fil-paragrafu 1, dment li japplikaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-offerta mhijiex l-unika **█** offerta; u
 - (b) id-dewmien fil-konklużjoni tal-*bejgħ lill*-offerent ikkonċernat jirriżulta **█** f'dannu *għan*-negozju tad-debitur jew għal parti minnu.

Titolu V

DMIR TAD-DIRETTURI LI JITOLBU L-FTUĦ TA' PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA U RESPONSABILITÀ ĊIVILI

Artikolu 40

Dmirijiet tad-diretturi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-diretturi ta' *kumpanija* li ssir insolventi *f'konformità mal-liġi nazzjonali, ikollhom id-dmir li jippreżentaw talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, bl-eċċezzjoni ta' proċedimenti ta' ristrutturar preventiv. Fl-Istati Membri fejn japplika r-Regolament (UE) 2015/848, id-dmir li tiġi ppreżentata talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza jirreferi għall-proċedimenti stipulati fl-Anness A ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' proċedimenti ta' ristrutturar preventiv.*

2. *Talba kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti għall-proċedimenti ta' insolvenza fi żmien tliet xhur minn meta d-diretturi jsiru jafu, jew ikunu mistennija b'mod raġonevoli li saru jafu, li l-kumpanija hija insolventi f'konformità mal-liġi nazzjonali.*

Artikolu 41

Nuqqas ta' applikazzjoni jew sospensjoni tad-dmir li tiġi ppreżentata talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza

1. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-dmir imsemmi fl-Artikolu 40(1) ma japplikax għal diretturi li huma persuni fiżiċi u li huma personalment responsabbli għad-dejn kollu tal-kumpanija.*
2. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-dmir imsemmi fl-Artikolu 40(1) jista' jitwettaq billi l-pubbliku jiġi infurmat dwar l-insolvenza tal-kumpanija permezz ta' notifika f'reġistru pubbliku, qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 40(2), sabiex jiġi żgurat li l-kredituri jkun jistgħu jitolbu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza.*
3. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-dmir imsemmi fl-Artikolu 40(1) jiġi sospiż jekk id-diretturi jieħdu miżuri li jkun mfassla biex jevitaw dannu għall-kredituri tal-kumpanija insolventi u li jiżguraw livell ta' protezzjoni għall-korp ġenerali tal-kredituri li jkun ekwivalenti għall-protezzjoni pprovduta mid-dmir imsemmi fl-Artikolu 40(1).*

■ Responsabbiltà ċivili *tad-diretturi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-diretturi ta' kumpanija* insolventi jkunu responsabbli, *f'konformità mal-liġi nazzjonali, għal dannu kkawżat* lill-kredituri b'riżultat tan-nuqqas tagħhom li jikkonformaw mad-*dmir imsemmi* fl-Artikolu 40.
2. *Fejn l-Istati Membri jkunu eżerċitaw l-alternattiva prevista fl-Artikolu 41(3), huma għandhom jiżguraw li d-diretturi li jieħdu l-miżuri kif imsemmija f'dan l-Artikolu jkunu responsabbli, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għad-danni kkawżati lill-kredituri li ma kinux isiru kieku l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza kien intalab f'konformità mal-Artikolu 40(1).*
3. *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li r-responsabbiltà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tiġi eskluża meta u dment li d-diretturi jkunu jistgħu juru, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li l-miżuri meħuda x'aktarx setgħu raġonevolment jiksbu eżitu ekwivalenti jew aħjar għall-kredituri minn dak previst mid-dmir imsemmi fl-Artikolu 40(1).*

Artikolu 43

Relazzjoni ma' strumenti oħra

Dan it-Titolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2019/1023.

Titolu VI

KUMITATI TAL-KREDITURI

Kapitolu 1

Stabbiliment u membri tal-kumitati tal-kredituri

Artikolu 44

Stabbiliment tal-kumitati tal-kredituri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit kumitat tal-kredituri *wara l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza* jekk il-laqgħa ġenerali tal-kredituri tiddeċiedi *jew titlob dan jew, fejn id-dritt nazzjonali ma jipprevedix laqgħa ġenerali tal-kredituri, jekk il-kredituri jitolbu dan f'konformità mad-dritt nazzjonali.*

2. **█** L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li **█** l-kumitat tal-kredituri jista' jiġi stabbilit *qabel* il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza *f'konformità mal-liġi nazzjonali*.
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *meta jiġi* **█** stabbilit il-kumitat, il-kompożizzjoni ta' kumitat tal-kredituri *tiġi deċiża*.
3. L-Istati Membri jistgħu *jipprevedu li* kumitat tal-kredituri *ma jiġix stabbilit fejn, minħabba ċirkostanzi relatati man-natura u l-ambitu tan-negozju tad-debitur, jiddeterminaw li l-piżijiet tal-istabbiliment tiegħu jkunu akbar mill-benefiċċji*. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk iċ-ċirkostanzi, li jistgħu jinkludu r-rilevanza ekonomika baxxa tal-patrimonju tal-insolvenza, █ l-għadd baxx ta' kredituri, id-daqs żgħir tad-debitur jew l-effett negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur ikkawżat minn dewmien possibbli fl-istabbiliment ta' kumitat tal-kredituri, ikunu stabbiliti b'mod ċar fil-liġi nazzjonali.*
- █**

Artikolu 45

Ħatra u kompożizzjoni tal-kumitati tal-kredituri

1. **Meta kumitat tal-kredituri jiġi stabbilit skont l-Artikolu 44**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-kumitat tal-kredituri jinħatru **mingħajr dewmien bla bżonn** jew fil-laqgħa ġenerali tal-kredituri jew b'deċiżjoni tal-qorti **█**.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-**kompożizzjoni** tal-kumitat tal-kredituri **tirrifletti, kemm jista' jkun**, b'mod ġust l-interessi differenti tal-kredituri.
Meta l-ħaddiema jkunu fost il-kredituri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu eliġibbli għall-ħatra fil-kumitat tal-kredituri, għajr jekk ikun hemm mill-inqas mekkaniżmu ekwivalenti ieħor biex jiġu rappreżentati l-interessi tal-ħaddiema fi proċedimenti ta' insolvenza.
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li persuni u entitajiet li mhumiex kredituri jkunu eliġibbli wkoll għall-ħatra fil-kumitat tal-kredituri.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li [] kredituri transfruntieri jkunu [] eliġibbli għall-ħatra fil-kumitat tal-kredituri.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, *fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi appelli*, kwalunkwe parti interessata *definita f'konformità mal-liġi nazzjonali* tista' tikkontesta quddiem il-qorti l-ħatra ta' membru wieħed jew aktar tal-kumitat tal-kredituri fuq il-bażi li l-ħatra ma saritx f'konformità mal-liġi applikabbli.

[]
Artikolu 46

Tneħħija ta' membri u sostituzzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jispeċifikaw [] ir-raġunijiet *u l-proċeduri għat-tneħħija* u s-sostituzzjoni ta' membri tal-kumitat tal-kredituri [] . Dawk ir-regoli għandhom *jipprevedu* wkoll is-sitwazzjoni fejn membri tal-kumitat tal-kredituri jirriżenjaw jew ma jkunux jistgħu jwettqu *dmirijethom*.
2. Ir-raġunijiet għat-tneħħija *kif imsemmija fil-paragrafu 1* għandhom jinkludu mill-inqas ksur *intenzjonali* jew negliġenza [] serja [] tad-dmirijiet *ta' natura serja* fir-rigward tal-*interessi tal-korp ġenerali tal-kredituri, bħal sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.*

Kapitolu 2

Metodi ta' ħidma u funzjoni tal-kumitati tal-kredituri

Artikolu 47

Metodu ta' ħidma tal-kumitati tal-kredituri

1. L-Istati Membri għandhom **■** jistabbilixxu *regoli li jispeċifikaw l-aspetti li ġejjin tal-metodi ta' ħidma tal-kumitati tal-kredituri:*
 - (a) *il-proċedura tal-votazzjoni, inkluż l-eliġibbiltà għall-votazzjoni u l-kworum meħtieġ;*
 - (b) *kunflitti ta' interess;*
 - (c) *il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni;*
 - (d) *iż-żamma ta' rekord tad-deċiżjonijiet meħuda.*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumitati tal-kredituri jkunu jistgħu *jispeċifikaw aktar il-metodi ta' ħidma tagħhom permezz ta' protokoll, dment li tali protokoll jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 1. Tali protokoll għandhom ikunu disponibbli tal-inqas ■* għall-qorti u l-prattikant fl-insolvenza.

3. L-Istati Membri għandhom **jipprevedu li l-membri tal-kumitati tal-kredituri jkunu permessi jipparteċipaw u jivvotaw fiżikament jew permezz ta' mezzi elettroniċi. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu** li l-membri tal-kumitat tal-kredituri jingħataw il-possibbiltà li **jivvotaw bil-miktub.**
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-kumitati tal-kredituri **jistgħu** jiġu rappreżentati minn **persuna awtorizzata kif xieraq.**

Artikolu 48

Funzjoni, drittijiet u dmirijiet tal-kumitati tal-kredituri

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumitati tal-kredituri jkollhom drittijiet **li jissalvagwardjaw l-involviment tagħhom fil-proċedimenti ta' insolvenza u jippermettulhom jeżaminaw l-attivitajiet tal-prattikanti fl-insolvenza jew, fejn id-debitur jibqa' fil-pussess, tad-debitur, inkluż:**
 - (a) id-dritt li jisimgħu **u jinstemgħu minn** prattikanti fl-insolvenza **dwar kwistjonijiet ta' interess għall-korp ġenerali tal-kredituri, inkluż deċiżjonijiet ewlenin, bħall-bejgħ ta' assi barra l-kors ordinarju tan-negozju;**
 - (b) id-dritt li jinstemgħu fi proċedimenti ta' insolvenza;

- (c) id-*dritt* li jitolbu *u jirċievu* informazzjoni rilevanti u neċessarja mill-*kredituri rappreżentati u* mill-prattikanti fl-insolvenza *jew, fejn id-debitur jibqa' fil-pussess, mid-debitur.*

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kumitati tal-kredituri jkollhom id-dritt jaħtru segretarju u jitolbu parir estern dwar kwistjonijiet li fihom il-kredituri li jirrappreżentaw għandhom interess.

2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-attivitajiet tagħhom il-kumitati tal-kredituri jirrappreżentaw biss l-interessi tal-korp ġenerali tal-kredituri u jaġixxu b'mod indipendenti mill-prattikanti fl-insolvenza.*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-kumitati tal-kredituri jirrappreżentaw l-interessi tal-korp kollu tal-kredituri u jaġixxu in bona fide meta jwettqu l-funzjonijiet tal-kumitat.

3. **█** L-Istati Membri *jistgħu* jafdaw lill-kumitati tal-kredituri bis-setgħa li japprovaw ċerti deċiżjonijiet jew atti legali. *F'każ bħal dan*, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw b'mod ċar il-kwistjonijiet li dwarhom tkun meħtieġa tali approvazzjoni, li *jistgħu jinkludu d-deċiżjonijiet kollha li jkunu speċjalment importanti għall-proċedimenti.*

4. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri, il-membri tal-kumitati tal-kredituri u kwalunkwe professjonist li jassisti lill-kumitati tal-kredituri jżomm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba b'rabta mal-attivitajiet tal-kumitat.***

Artikolu 49

Spejjeż u remunerazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw min għandu jħallas l-ispejjeż imġarrba mill-kumitati tal-kredituri ***jew il-membri individwali tagħhom*** fl-eżerċizzju tal-funzjoni msemmija fl-Artikolu 48.
2. Meta l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1 jiġġarrbu minn patrimonju tal-insolvenza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumitat tal-kredituri ***jew il-membri individwali tiegħu jżommu*** rekord ta' dawn l-ispejjeż u l-qorti ***jew l-awtorità kompetenti*** jew il-prattikant fl-insolvenza jkollhom l-awtorità li jillimitaw l-ispejjeż mhux ġustifikati ***jew*** sproporzjonati.
3. Meta l-Istati Membri jippermettu li l-membri ta' kumitat ta' kredituri jiġu remunerati u tali remunerazzjoni tiġi ħallas minn patrimonju tal-insolvenza, huma għandhom jiżguraw li r-remunerazzjoni tkun proporzjonata għall-funzjoni mwettqa ■ .

Artikolu 50

Responsabbiltà

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas tapplika waħda mir-regoli li ġejjin:***
 - (a) ***il-membri tal-kumitati tal-kredituri jkunu eżentati mir-responsabbiltà **personali** għall-azzjonijiet tagħhom fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-kumitat għajr jekk **jinstab li kissru intenzjonalment jew b'mod negliġenti serju d-dmirijiet tagħhom rigward l-interessi tal-kredituri;*****
 - (b) ***ir-responsabbiltà **personali** tal-membri tal-kumitati tal-kredituri għall-azzjonijiet tagħhom fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-kumitat hija koperta minn assigurazzjoni li tiġġarrab mill-patrimonju tal-insolvenza f'konformità mal-Artikolu 49(2).***
2. ***Meta l-Istati Membri jafdaw lill-kumitati tal-kredituri bis-setgħa li japprovaw ċerti deċiżjonijiet jew tranżazzjonijiet, huma jistgħu jipprevedu li l-membri tal-kumitati tal-kredituri jkollhom l-istess responsabbiltà bħal tal-prattikant fl-insolvenza.***

TITOLU VII
MIŻURI LI JSAĦĦU T-TRASPARENZA TAL-LIĠIJET NAZZJONALI DWAR L-
INSOLVENZA

Artikolu 51

Skeda ta' informazzjoni ewlenija

1. *Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 10, sa ... [39 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]* kull Stat Membru għandu jfassal skeda ta' informazzjoni ewlenija dwar l-elementi *essenzjali* tal-liġi nazzjonali dwar il-proċedimenti ta' insolvenza (*l-"iskeda ta' informazzjoni ewlenija"*) u jippreżentaha *lill-Kummissjoni permezz* tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.
2. L-iskedi ta' informazzjoni ewlenija għandhom jitfasslu b'lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.
3. Il-kontenut tal-iskedi ta' informazzjoni ewlenija għandu jkun *konċiż*, preċiż, ċar u *mhux tekniku u għandu* jkun preżentat *b'mod fattwali*.

4. L-iskedi ta' informazzjoni ewlenija għandhom **jinkludu** t-taqsimiet li ġejjin fl-ordni li ġejja:
- (a) il-kundizzjonijiet għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza;
 - (b) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tal-pretensjonijiet;
 - (c) ir-regoli li jirregolaw il-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet tal-kredituri u d-distribuzzjoni tar-rikavati mir-realizzazzjoni tal-assi li jirriżultaw mill-proċedimenti ta' insolvenza;
 - (d) it-tul medju rrapportat tal-proċedimenti ta' insolvenza, kif imsemmi fl-Artikolu 29(1), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/1023.
5. It-taqsimi msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (a), għandha **tinkludi**:
- (a) il-lista ta' persuni li jistgħu jitolbu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza;
 - (b) il-lista ta' kundizzjonijiet li jwasslu għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza;
 - (c) **kif u** fejn għandha **tiġi ppreżentata** talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza ;
 - (d) kif u meta d-debitur jiġi nnotifikat bid-**deċiżjoni dwar jekk għandhomx jinfetħu** proċedimenti ta' insolvenza.

6. It-taqsimha msemija fil-paragrafu 4, il-punt (b), għandha **tinkludi**:
- (a) il-lista ta' persuni li jistgħu jippreżentaw pretensjoni;
 - (b) il-lista tal-kundizzjonijiet għall-**preżentazzjoni** ta' pretensjoni;
 - (c) il-limitu ta' żmien **għall-preżentazzjoni** ta' pretensjoni;
 - (d) **kif tinkiseb** il-formola **għall-preżentazzjoni** ta' pretensjoni, **jekk** applikabbli;
 - (e) kif u fejn għandha tiġi ppreżentata pretensjoni;
 - (f) kif tiġi vverifikata u vvalidata l-pretensjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-informazzjoni msemija fil-paragrafu 4 fi żmien **xahar mid-dħul** fis-seħħ ta' **kwalunkwe** emenda rilevanti għal-liġi nazzjonali. L-iskedi ta' informazzjoni ewlenija għandu jkun fiha d-dikjarazzjoni li ġejja: "Din l-iskeda ta' informazzjoni ewlenija hija preċiża fi ... [id-data tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni jew id-data tal-aġġornament]".

8. Il-Kummissjoni għandha *tiżgura li* l-iskeda ta' informazzjoni ewlenija tkun *disponibbli* għall-pubbliku *bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u bil-lingwa oriġinali, jekk tkun differenti*, fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika taħt it-taqsimha tal-“insolvenza/falliment” għal kull Stat Membru.
9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li timmodifika l-format tal-iskeda ta' informazzjoni ewlenija ■ permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).
10. *Fejn huwa applikabbli r-Regolament (UE) 2015/848, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-iskeda ta' informazzjoni ewlenija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali stabbilit bid-Deċiżjoni 2001/470/KE b'mod konsistenti mal-Artikolu 86 ta' dak ir-Regolament.*

Titolu VIII
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 52

Miżuri ta' emerġenża

1. *L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu t-Titoli II, V u VI fil-każ ta' sitwazzjonijiet straordinarji li jfixklu serjament l-attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-Istati Membri jew tar-reġjuni tagħhom meta u sa fejn, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu dawk it-Titoli tkun tinvolvi riskju ta' insolvenzi mifruxa, inkluż għall-kumpaniji li jkunu vijabbli f'ċirkostanzi ordinarji.*
2. *Id-deroga msemmija fil-paragrafu 1 u d-durata tagħha għandhom ikunu proporzjonati u limitati għal dak li huwa essenzjali għat-trażżin, il-mitigazzjoni, ir-riżoluzzjoni jew il-prevenzjoni tat-tfixkil serju msemmi f'dak il-paragrafu.*
3. *L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'deroga kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tagħha.*

Meta jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jelenkaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li dderogaw minnhom, in-natura u l-firxa taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li fuqhom hija bbażata d-deroga, id-durata tad-deroga, u r-raġunijiet li għalihom id-deroga titqies essenzjali biex jittrażżan, jiġi mitigat, jiġi riżolt jew jiġi prevenut tfixkil serju għall-attivitajiet ekonomiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan mingħajr dewmien bla bżonn.

4. *Deroga bħal dik imsemmija fil-paragrafu 1 jista' jkollha durata massima ta' sena. Meta u sal-punt li s-sitwazzjoni straordinarja li tfixkel serjament l-attivitajiet ekonomiċi tippersisti, id-deroga tista' tiġi estiża b'perjodi ta' mhux aktar minn sitt xhur dment li l-Istat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu tad-deroga preċedenti. Dik l-estensjoni għandha tidħol fis-seħħ dment li l-Kummissjoni ma toġġezzjonax, mhux aktar tard minn xahar qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu tad-deroga preċedenti, fuq il-bażi li l-estensjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 u 2.*

Artikolu 53

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat dwar ir-Ristrutturar u l-Insolvenza stabbilit bl-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2019/1023. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 54

Rieżami

Mhux aktar tard minn ... [7 snin u disa' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] ***u kull ħames snin wara dan***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport li jivvaluta l-applikazzjoni u l-impatt ta' din id-Direttiva. ***Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fejn ikun xieraq, proposta leġiżlattiva.***

Artikolu 55

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... *[33 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f' dak ir-rigward.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 15, 16 u 17 ta' din id-Direttiva, sa fejn dawn ikunu relatati ma' BARIS, sad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew sal-10 ta' Lulju 2029, skont liema data tkun l-aktar tard.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. *It-Titolu II japplika biss għal atti legali pperfezzjonati mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.*
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 56

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 57

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Reġistri u bażijiet ta' data nazzjonali msemmija fl-Artikolu 19

1. Reġistri katastali;
2. Reġistri tal-artijiet;
3. Reġistri tal-proprjetà mobbli inkluż reġistri ta' vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru, *fejn id-drittijiet tal-proprjetà huma rreġistrati f'tali* reġistri;
4. Reġistri tad-donazzjonijiet;
5. Reġistri tal-ipoteki;
6. Reġistri *jew bażijiet ta' data li fihom informazzjoni dwar is-sjeda tat-titoli, bħal depożitorji ċentrali tat-titoli, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;*
7. Reġistri ta' wegħdiet, inkluż kuntratti ta' lokazzjoni, u ta' ftehimiet tal-bejgħ u x-xiri b'ritenzjoni tat-titolu;
8. Reġistri li fihom atti ta' sekwestru ta' proprjetà;
9. Reġistri tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, inkluż reġistri tal-privattivi u tat-trademarks.